



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0196/2010**

15.6.2010

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (riformulazzjoni)  
(COM(2008)0809 – C6-0471/2008 – 2008/0240(COD))

Komitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Jill Evans

(Riformulazzjoni - Artikolu 87 tar-Regoli ta' Proċedura)

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva***. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa ***qawwija***. It-tfassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovyji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	73
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI.....	79
ANNEX: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI .....	81
PROĊEDURA.....	83



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (riformulazzjoni)  
(COM(2008)0809 – C6-0471/2008 – 2008/0240(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari - riformulazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0809),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0471/2008),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu: "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 114 tat-Trattat FUE,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2009<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-29 ta' Mejju 2010<sup>2</sup>
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li ikkunsidra r-rapport ta' Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0196/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif imniżżel hawn taħt, filwaqt li jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. aġti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 306, 16.12.2009, p. 36–38

<sup>2</sup> ĠU C 141, 29.5.2010, p. 55–64

## **Emenda 1**

### **Proposta għal direttiva Premessa 3 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 tagħti l-ewwel prijorità lill-prevenzjoni fil-leġiżlazzjoni dwar l-iskart. Il-prevenzjoni hija definita fost l-oħrajn bħala miżuri li jnaqqsu l-kontenut ta' sustanzi ta' ħsara f'materjali u prodotti.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-riformulazzjoni tal-RoHS għandha titqiegħed fil-kuntest tal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fil-qafas tad-direttiva dwar l-iskart fl-2008. Il-prevenzjoni hija l-akbar prijorità fil-ġerarkija li torbot tal-iskart. Il-prevenzjoni tinkludi miżuri li jnaqqsu l-kontenut ta' sustanzi ta' ħsara f'materjali u prodotti. It-tfassil mill-ġdid tar-riformulazzjoni tal-RoHS huwa għalhekk opportunità importanti biex dan l-obbligu jinbidel f'azzjoni konkreta, iżjed u iżjed minħabba l-fatt li t-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) qed ikompli joħloq ħafna problemi matul it-trattament tal-iskart.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal direttiva Premessa 3 b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3b) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1988 dwar programm ta' azzjoni Komunitarju biex jikkumbatti t-tniġġis ambjentali mill-kadmju<sup>1</sup> tistieden lill-Kummissjoni biex taħdem mingħajr dewmien fuq l-iżvilupp ta' miżuri speċifiċi għal programm bħal dan. Is-saħħa tal-bniedem ukoll trid tiġi protetta u għandha għalhekk tiġi implimentata strateġija ġenerali li b'mod partikolari tirrestrinġi l-użu tal-kadmju u tistimula r-riċerka fis-sostituti. Dik ir-Riżoluzzjoni tenfasizza li l-użu tal-kadmju għandu jiġi limitat għall-każijiet fejn l-użu tiegħu huwa xieraq u fejn ma jkunux jeżistu alternattivi aktar sikuri.**

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1988 (Premessa 4 tal-RoHS attwali) għandha terġa' tiddaħħal għax hija r-referenza politika għall-ġlieda kontra t-tniġġis ambjentali mill-kadmju.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 3 c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3c) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 1996 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart u dwar l-abbozz tar-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-politika tal-iskart<sup>1</sup>, talab lill-Kummissjoni tippreżenta proposti għal direttivi dwar għadd ta' flussi ta' skart prijoritarju, inkluż l-iskart elettriku u elettroniku. Il-Parlament Ewropew, fl-istess riżoluzzjoni, talab lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iressqu proposti ħalli titnaqqas il-preżenza ta' sustanzi ta' ħsara fl-iskart bħal ma huma l-klorin, il-merkurju, il-klorur tal-polyvinyl (PVC), il-kadmju u metalli tqal oħra.***

<sup>1</sup> OJ C 362, 2.12.1996, p. 241.

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għar-Riżoluzzjoni tal-Parlament tal-1996 (Premessa 4 tal-RoHS attwali) għandha terġa' tiddaħħal bħala tifkira importanti li fl-1996 il-Parlament kien diġà talab għal restrizzjonijiet konkreti għall-PVC.*

## Emenda 4

### Proposta għal direttiva Premessa 3 d (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3d) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar sustanzi organiċi persistenti li jniġġsu u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE<sup>1</sup> jfakkar li l-objettiv tal-ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem minn sustanzi organiċi persistenti li jniġġsu ma jistax jintlaħaq għal kollox mill-Istati Membri minħabba l-effetti transkonfinali ta' dawk is-sustanzi li jniġġsu, u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. Bi qbil ma' dak ir-Regolament, ir-rilaxxi ta' sustanzi organiċi persistenti li jniġġsu, bħal ma huma d-diossini u l-furani, li huma prodotti sekondarji mhux intenzjonati tal-proċessi industrijali, għandhom jiġu identifikati u mnaqqsu kemm jista' jkun malajr bl-għan aħħari li, fejn hu possibbli, jiġu eliminati. Trattament termali u rimi mhux ikkontrollat ta' skart magħmul mit-tagħmir elettriku u elettroniku, li fih ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati jew PVC, jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-formazzjoni tad-diossini u l-furani.*

<sup>1</sup> ĠU L 158, , 30.4.2004, p. 7.

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-riformulazzjoni tal-RoHS għandha bżonn titqiegħed fil-kuntest tal-obbligi internazzjonali tal-UE biex jitnaqqsu r-rilaxxi tad-diossini u l-furani bil-għan li jkomplu jiġu mminimizzati u, fejn hu possibbli, jiġu għal kollox eliminati. Id-destin finali ta' kwantitajiet kbar ta' WEEE jibqa' mhux ċar. L-inċinerazzjoni b'temperatura għolja tibqa' l-eċċezzjoni. It-trattament mhux ta' standard tal-WEEE – fl-UE jew f'pajjiżi terzi – jirriskja li jibqa' realtà għal ammonti sinifikanti. Il-problemi tal-emissjonijiet tad-diossini u l-furani jistgħu jiġu indirizzati biss permezz tal-għażla tal-materjali fl-istadju tal-iddisinnjar.*

## Emenda 5



**Proposta għal direttiva  
Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3e) L-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni dwar is-sustanzi ta' ħsara f'tagħmir elettriku u elettroniku jirrakkomanda ħafna t-tneħħija gradwali ta' organobromini u organoklorini minħabba l-potenzjal tagħhom li jiffurmaw id-diossini u l-furani polibrominati u poliklorinati f'operazzjonijiet għat-trattament tal-iskart, u jagħti prijorità lit-tneħħija tal-PVC fuq l-għażliet selettivi tal-ġestjoni tar-riskju ħalli jiġi ggarantit rilaxx imnaqqas tal-PVC, tal-addittivi tiegħu u tal-prodotti tal-kombustjoni perikolużi. Jirrakkomanda wkoll it-tikkettjar tal-metall berillju u l-ossidu tal-berillju u t-tneħħija volontarja flimkien mas-sorveljanza tas-suq ta' bosta sustanzi eżaminati oħra.*

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha ssir referenza għar-rakkomadazzjonijiet tal-Öko-Institut bl-għażliet differenti tiegħu, filwaqt li wieħed jikkunsidra li s-suġġerimenti jmorru lil hinn mir-rakkomadazzjoni li jiġu inklużi sustanzi fl-Anness IV.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 3f (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3f) Hemm inċertezza xjentifika fir-rigward tas-sikurezza tan-nanomaterjali għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, m'hemm l-ebda definizzjoni ta' nanomaterjal li hemm kunsens internazzjonali dwarha u lanqas m'hemm linji gwida ta' prova li hemm kunsens internazzjonali dwarhom. Fit-28 u d-29 ta' Settembru 2005, il-Kumitat Xjentifiku*

*tal-Kummissjoni dwar ir-Riskji għas-Saħħa Emerġenti u dawk Identifikati Reċentement (SCENIHR) adotta opinjoni dwar in-nanoteknoloġiji li kkonkludiet li jeżistu “nuqqasijiet kbar fl-għarfien meħtieġ għall-evalwazzjoni tar-riskju” u kkonkludiet li “l-metodi tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi eżistenti jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jiġu indirizzati l-kwisjonijiet kollha li jirriżultaw fir-rigward tan-nanopartiċelli”. Hemm evidenza xjentifika li qed tiżdied li ċerti nanotubi tal-karbonju jistgħu jaġixxu bħall-fibri tal-asbestos u għalhekk ikollhom impatt qawwi fuq is-saħħa tal-bniedem. L-istess japplika għall-partiċelli tan-nanofidda li jistgħu jispiċċaw fl-ambjent u li jista’ jkollhom impatti qawwija fuq l-organiżmi tal-ħamrija, dawk akkwatiċi u terrestri.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Proġett ta’ riċerka tal-2009 dwar in-nanoteknoloġiji emerġenti sab li madwar 807 prodott li huma disponibbli fis-suq għandhom fihom nanomaterjali, li wħud minnhom huma EEE. Hemm qbil komuni fost in-nanotossikoloġisti li r-riskji ta’ impatti severi fuq is-saħħa u l-ambjent huma reali, u għalhekk huwa meħtieġ li jkun hemm miżuri ta’ prekawzjoni fir-rigward tan-nanomaterjali. Din l-emenda hi marbuta mal-emenda tal-Artikolu 4(1) b’għdid, li jissuġġerixxi t-tikkettjar għan-nanofidda u n-nanotubi tal-karbonju.*

#### **Emenda 7**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Is-sustanzi koperti b'din id-Direttiva **huma** rriċerkati u evalwati tajjeb xjentifikament **u ġew** soġġetti għal miżuri differenti kemm fil-livell Komunitarju kif ukoll f'dak nazzjonali.

*Emenda*

(6) Is-sustanzi koperti b'din id-Direttiva **għandhom ikunu** rriċerkati u evalwati tajjeb xjentifikament **qabel ma jiġu stabbiliti r-restrizzjonijiet u qabel ma jsiru** soġġetti għal miżuri differenti kemm fil-livell Komunitarju kif ukoll f'dak nazzjonali. **Is-sustanzi elenkati fl-Anness III għandhom ikunu rriċerkati u evalwati tajjeb xjentifikament qabel ma jiġu stabbiliti r-restrizzjonijiet.**

## Ġustifikazzjoni

*Il-valutazzjoni tas-sustanzi elenkati fl-Anness III għandha ma tlestietx. Is-sustanzi elenkati fl-Anness III huma skedati għall-valutazzjoni, li għandha ssir bir-reqqa; madankollu, din il-ħidma għadha ma tlestietx.*

### Emenda 8

#### Proposta għal direttiva Premessa 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva jqisu linji gwida u rakkomandazzjonijiet eżistenti u huma bbażati fuq valutazzjoni ta' tagħrif xjentifiku u tekniku disponibbli. Il-miżuri huma meħtieġa sabiex jintlaħaq il-livell magħżul ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, filwaqt li jqisu r-riskji li jistgħu jinħolqu *fil-Komunità* minħabba n-nuqqas ta' dawn il-miżuri. Il-miżuri għandhom jibqgħu jiġu rriveduti u, jekk ikun meħtieġ, aġġustati sabiex iqisu t-tagħrif tekniku u xjentifiku disponibbli.

##### *Emenda*

(7) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva jqisu linji gwida u rakkomandazzjonijiet eżistenti u huma bbażati fuq valutazzjoni ta' tagħrif xjentifiku u tekniku disponibbli. Il-miżuri huma meħtieġa sabiex jintlaħaq il-livell magħżul ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, filwaqt li jqisu r-riskji li jistgħu jinħolqu *fl-Unjoni* minħabba n-nuqqas ta' dawn il-miżuri. Il-miżuri għandhom jibqgħu jiġu rriveduti u, jekk ikun meħtieġ, aġġustati sabiex iqisu t-tagħrif tekniku u xjentifiku disponibbli. ***B'mod partikolari, ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent li jiġu kkawżati mill-użu ta' sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, b'attenzjoni speċjali mogħtija lill-Eżabromoċiklododekan (HBCDD), Bis (2-etileżil) ftalat, Ftalat tal-benżil butil (BBP) u Dibutilftalat (DBP), għandhom jittqiesu bħala prijorità.***

## Ġustifikazzjoni

*Sustanzi li diversi korpi esprimew xi tħassib dwarhom.*

### Emenda 9

#### Proposta għal direttiva Premessa 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Din id-Direttiva tissupplimenta l-

RR\820661MT.doc

##### *Emenda*

(8) Din id-Direttiva tissupplimenta l-

11/83

PE430.424v05-00

leġislazzjoni ġenerali tal-Komunità rigward il-ġestjoni tal-iskart, bħad-Direttiva 2008/[...]/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart.

leġislazzjoni ġenerali tal-UE rigward il-ġestjoni tal-iskart, bħad-Direttiva 2008/[...]/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart *kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiki (REACH)*<sup>1</sup>.

<sup>1</sup> ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

### Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ddikjarat b'mod speċifiku li l-RoHS jissupplimenta r-REACH. L-RoHS u r-REACH għandhom objettivi, skop, żmien u għajjn differenti. L-RoHS inħoloq biex jindirizza l-problemi speċifiċi ta' livell dejjem jikber ta' skart, ir-REACH jitratta s-sustanzi kimiki fil-livell ġenerali, bl-ebda fokus speċjali fuq l-iskart. Ir-REACH huwa liġi reġjonali li għadha fl-infanzja tagħha, l-RoHS diġà qed tilħaq standard globali. Inħolqu problemi ewlenin bil-WEEE minħabba l-polimeri, li huma eżenti mir-REACH. L-RoHS għandu jiġi żviluppat iżjed biex jindirizza l-problemi speċifiċi tal-irkupru u r-rimi tal-WEEE fil-bidu.

### Emenda 10

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Għandu jitqies l-iżvilupp tat-tagħmir elettriku u elettroniku mingħajr metalli tqal, **PBDE u PBB**.

*Emenda*

(11) Għandu jitqies l-iżvilupp tekniku tat-tagħmir elettriku u elettroniku mingħajr metalli tqal, **ritardanti tal-fjammi tan-nar brominati, ritardanti tal-fjammi tan-nar klorinati, PVC u l-plastiċizzanti ta' ħsara tiegħu**.

### Ġustifikazzjoni

L-industrija tal-elettroniki hija avvanzata ħafna fl-inizjattiva globali tagħha biex telimina gradwalment l-użu ta' ritardanti tal-fjammi tan-nar brominati/klorinati u l-PVC. Kumpaniji ewlenin tal-elettroniki diġà eliminaw b'mod gradwali l-użu ta' dawn is-sustanzi f'ċerti prodotti tagħhom jew fil-prodotti kollha (eż. 50% tal-mobajls il-ġodda kollha huma diġà b'aloġenu baxx). Kważi l-kumpaniji ewlenin kollha tal-elettroniki impenjaw ruħhom li jagħmlu dan għall-prodotti tal-konsumaturi (eż. l-ishma tas-suq għall-kompjuters personali b'aloġenu baxx se jkunu madwar 40% fis-sena jew sentejn li ġejjin). Fil-passat diġà saru azzjonijiet simili min-naħa ta' xi manifatturi ta' 'white goods' (tagħmir tal-kċina).

### Emenda 11

**Proposta għal direttiva  
Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Hekk kif ikun hemm disponibbli evidenza xjentifika u filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-prekawzjoni, il-projbizzjoni ta' sustanzi perikolużi oħra u s-sostituzzjoni tagħhom **b'alternattivi** li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent li jiżguraw tal-anqas l-istess livell ta' protezzjoni għall-konsumaturi għandhom jiġu eżaminati, **b'attenzjoni** għall-koerenza ma' leġislazzjoni Komunitarja oħra, **u b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)**. Għandu jitqies b'mod speċifiku l-potenzjal ta' impatt fuq l-SMEs.

*Emenda*

(12) **Perjodikament, u** hekk kif ikun hemm disponibbli evidenza xjentifika u filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-prekawzjoni, il-projbizzjoni ta' sustanzi perikolużi oħra u s-sostituzzjoni tagħhom **b'sustanzi jew teknoloġiji alternattivi** li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent li jiżguraw tal-anqas l-istess livell ta' protezzjoni għall-konsumaturi għandhom jiġu eżaminati. **Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistudja l-impatti negattivi ta' sustanzi ta' ħsara oħrajn u l-fattibilità li dawn jiġu sostitwiti, b'mod partikolari lejn tmiem il-ħajja tat-tagħmir elettriku u elettroniku, bil-għan li jsiru proposti leġislattivi ħalli jissaħħu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fuq bażi regolari. Dan l-eżami għandu jinkludi stima sħiħa tal-impatt b'konsultazzjoni tal-partijiet interessati relevanti. L-eżami għandu wkoll jagħti attenzjoni għall-koerenza ma' leġislazzjoni oħra tal-UE u jimmassimizza s-sinerġiji mal-ħidma mwettqa skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Għandu jitqies b'mod speċifiku l-potenzjal ta' impatt fuq l-SMEs.**

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 12 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(12a) L-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli huwa wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Unjoni u l-kontribut tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli għall-objettivi ambjentali u klimatiċi huwa kruċjali. Id-Direttiva**

*2009/28/KE tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE tfakkar li għandha tiġi żgurata l-koerenza bejn dawn l-objettivi u l-bqija tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Għaldaqstant, din id-Direttiva m'għandhiex tipprojbixxi l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli li mhumiex ta' periklu għall-ambjent, huma sostenibbli u ekonomikament vijabbli, bħall-panils solari fotovoltajċi, li għandhom ikunu esklużi mill-ambitu ta' din id-Direttiva. Studji tal-impatt indipendenti mitluba mill-Kummissjoni jirrakkomandaw ukoll li l-panils solari fotovoltajċi jiġu esklużi mill-ambitu ta' din id-Direttiva.*

<sup>1</sup> ĠU L 140, 05.06.2009, p. 16.

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-reviżjoni tad-Direttiva RoHS għandha tkun koerenti mal-objettivi tal-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima u għandha tippermetti l-iżvilupp tal-enerġiji sostenibbli u ekonomikament vijabbli. Għaldaqstant, huwa essenzjali li jkun permess li xi elementi jiġu esklużi speċifikament mill-ambitu ta' din id-Direttiva biex l-UE tiġi megħjuna tilħaq l-iktar objettivi wiesa' tagħha fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.*

## **Emenda 13**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 13**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' sostituzzjoni għandhom ikunu permessi jekk is-sostituzzjoni ma tkunx possibbli mil-lat xjentifiku u tekniku, b'kunsiderazzjoni speċifika għas-sitwazzjoni tal-SMEs jew jekk l-impatti negattivi ambjentali, għas-saħħa **jew soċjoekonomiċi** kkawżati bis-sostituzzjoni x'aktarx li se jkunu akbar mill-benefiċċji għas-saħħa, ambjentali **jew soċjoekonomiċi**

#### *Emenda*

(13) Eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' sostituzzjoni għandhom ikunu permessi jekk is-sostituzzjoni ma tkunx possibbli mil-lat xjentifiku u tekniku, b'kunsiderazzjoni speċifika għas-sitwazzjoni tal-SMEs jew jekk l-impatti negattivi ambjentali **u** għas-saħħa kkawżati bis-sostituzzjoni x'aktarx li se jkunu akbar mill-benefiċċji għas-saħħa **u** ambjentali tas-sostituzzjoni. Is-sostituzzjoni tas-

tas-sostituzzjoni, ***jew id-disponibbiltà u l-affidabbiltà tas-sostituti mhumiex żgurati.*** Is-sostituzzjoni tas-sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku għandha titwettaq ukoll b'tali mod li tkun kompatibbli mas-saħħa u s-sikurezza tal-utenti ta' tagħmir elettriku u elettroniku. It-tqegħid fis-suq ta' apparat mediku jeħtieġ proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, skont id-Direttivi 93/42/KE u 98/79/KE, li jista' jkun li tkun teħtieġ l-involviment ta' korp notifikat maħtur mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri. Jekk tali korp notifikat jiċċertifika li s-sikurezza tas-sostitut potenzjali għall-użu maħsub fl-apparat mediku jew f'apparat mediku in vitro ma ntwerietx, dan jittqies bħala impatt negattiv ċar fuq is-sikurezza soċjoekonomika, tas-saħħa u tal-konsumatur. Għandu jkun possibbli li ssir applikazzjoni għall-eżenzjonijiet ta' tagħmir li jaqa' taħt l-ambitu ta' din id-Direttiva mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha, anke jekk dan iseħħ qabel l-inklużjoni ta' dak it-tagħmir fl-ambitu.

sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku għandha titwettaq ukoll b'tali mod li tkun kompatibbli mas-saħħa u s-sikurezza tal-utenti ta' tagħmir elettriku u elettroniku. ***Il-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi għandhom jitqiesu meta jiġi deċiż iż-żmien ta' eżenzjoni. Għandu jkun hemm il-possibbiltà ta' perjodu ulterjuri ta' eżenzjoni wara l-iskadenza tal-eżenzjoni f'każ li jkun hemm bżonn ta' aktar żmien biex tiġi żgurata disponibbiltà adegwata ta' sostituti, inkluż għal raġunijiet ta' restrizzjonijiet ta' proprjetà intellettwali.*** It-tqegħid fis-suq ta' apparat mediku jeħtieġ proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, skont id-Direttivi 93/42/KE u 98/79/KE, li jista' jkun li tkun teħtieġ l-involviment ta' korp notifikat maħtur mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri. Jekk tali korp notifikat jiċċertifika li s-sikurezza tas-sostitut potenzjali għall-użu maħsub fl-apparat mediku jew f'apparat mediku in vitro ma ntwerietx, dan jittqies bħala impatt negattiv ċar fuq is-sikurezza soċjoekonomika, tas-saħħa u tal-konsumatur. Għandu jkun possibbli li ssir applikazzjoni għall-eżenzjonijiet ta' tagħmir li jaqa' taħt l-ambitu ta' din id-Direttiva mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha, anke jekk dan iseħħ qabel l-inklużjoni ta' dak it-tagħmir fl-ambitu.

## **Emenda 14**

### **Proposta għal direttiva Premessa 14**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Eżenzjonijiet mill-projbizzjoni għal ċerti materjali jew komponenti speċifiċi għandhom ikunu limitati fl-ambitu tagħhom, sabiex ikun hemm tneħħija gradwali tas-sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku, ladarba l-użu ta' dawk is-sustanzi f'tali applikazzjonijiet

#### *Emenda*

(14) Eżenzjonijiet mill-projbizzjoni għal ċerti materjali jew komponenti speċifiċi għandhom ***jiġu adottati fuq il-bażi ta' każ b'każ u għandhom*** ikunu limitati fl-ambitu ***u t-tul taż-żmien*** tagħhom, sabiex ikun hemm tneħħija gradwali tas-sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u

għandu jiġi evitat.

elettroniku, ladarba l-użu ta' dawk is-sustanzi f'tali applikazzjonijiet għandu jiġi evitat.

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva Premessa 14 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14a) Jista' jkun hemm żieda fl-użu tan-nanomaterjali f'tagħmir elettriku u elettroniku minħabba l-iżvilupp addizzjonali tat-teknoloġija. Hemm informazzjoni inadegwata dwar l-użu ta' nanomaterjali għajr in-nanofidda u ċerti nanotubi tal-karbonju f'tagħmir elettriku u elettroniku u dwar ir-riskji assoċjati ma' dan l-użu. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tevalwa s-sikurezza tan-nanomaterjali f'tagħmir elettriku u elettroniku, l-operaturi ekonomiċi għandhom jinnotifikaw l-użu tan-nanomaterjali f'tagħmir elettriku u elettroniku u għandhom jipprovdu d-dejta rilevanti kollha fir-rigward tas-sikurezza tagħhom għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-informazzjoni li waslitilha u għandha tressaq proposta leġiżlattiva għall-immaniġġjar adegwat tar-riskju, jekk ikun meħtieġ. Il-produtturi għandhom jittikkettjaw it-tagħmir elettriku u elettroniku li jkun fih nanomaterjali li jistgħu jwasslu li l-konsumaturi jkunu esposti, biex jippermettu lill-konsumaturi jaqsmu għażla infurmata.*

## Emenda 16



**Proposta għal direttiva  
Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(19) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.**

***imħassar***

*(Din l-emenda hija marbuta mas-sostituzzjoni tal-“proċedura regolatorja bi skrutinju” ta’ qabel bil-proċedura l-ġdida tal-atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Premessa 20 kif emendata tkopri d-dispożizzjonijiet neċessarji.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 20**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(20) B'mod partikolari l-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadatta l-Annessi II, III, IV u VI għall-progress tekniku u xjentifiku u tadotta miżuri oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni. Minħabba li dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2002/95/KE, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.**

**(20) Sabiex id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jkunu jistgħu jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku u sabiex tadotta miżuri oħra meħtieġa, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-adattament tal-Annessi V, VI, VIa u VIb, l-adozzjoni ta’ format għall-applikazzjonijiet għal eżenzjonijiet, regoli ddettaljati għall-konformità mal-valuri massimi ta’ konċentrazzjoni, dwar it-teħid ta’ kampjuni u ispezzjonijiet, id-definizzjoni ta’ nanomaterjali, l-istandards għall-identifikazzjoni ta’ nanomaterjali, l-applikazzjoni tat-tikkettjar tan-nanomaterjali u**

## **Emenda 18**

### **Proposta għal direttiva Premessa 23 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(23a) Għandha ssir analiżi bir-reqqa tal-valur miżjud tad-Direttiva RoHS fil-kuntest tar-reviżjoni li se ssir tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.***

## **Emenda 19**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Din id-Direttiva tistipula r-regoli dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku bil-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-irkupru u r-rimi, bla ħsara għall-ambjent, tal-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku.

Din id-Direttiva tistipula r-regoli dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku bil-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem ***u tal-ambjent*** u l-irkupru u r-rimi, bla ħsara għall-ambjent, tal-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku.

## Ġustifikazzjoni

*Is-suġġett għandu jirrifletti l-kontenut tal-premessi. Il-Premessa 4 tgħid: Anke jekk il-WEEE jinġabar separatament u jkun sottomess għall-proċessi ta' riċiklaġġ, il-kontenut tal-merkurju, il-kadmju, iċ-ċomb, il-kromju VI, il-PBE u l-PDBE x'aktarx li joħlqu riskji għas-saħħa jew għall-ambjent". Il-Premessa 5 mbagħad tgħid li "l-aktar mod effikaċi sabiex jiġi żgurat tnaqqis sinifikanti tar-riskji għas-saħħa u għall-ambjent li għandhom x'jaqsmu ma' dawk is-sustanzi...huwa s-sostituzzjoni". Għalhekk it-tneħħija gradwali ta' sustanzi ta' ħsara tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent u mhux biss permezz ta' rkupru u rimi li ma jkunx ta' ħsara għall-ambjent.*

### Emenda 20

#### Proposta għal direttiva Artikolu 2- paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal tagħmir elettriku u elettroniku li jaqa' taħt il-kategoriji stabbiliti fl-Anness I **kif speċifikat fl-Anness II**.

*Emenda*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal tagħmir elettriku u elettroniku, **inklużi l-kejbils, oġġetti tal-konsum u aċċessorji**, li jaqgħu taħt il-kategoriji stabbiliti fl-Anness I.

## Ġustifikazzjoni

*L-RoHS għandu japplika għall-EEE kollha, mhux biss għal ċertu kategoriji, u jinkludu l-kejbils, l-oġġetti tal-konsum u l-aċċessorji. Anness II mhuwiex ċar: jingħad li huwa "lista li torbot ta' prodotti", imma safrattant il-lista mhijiex waħda li ma tispiċċa qatt, iżda tagħti biss ċertu eżempju: "it-tagħmir, inkluż". Dan ma jsolvix il-problema ta' interpretazzjonijiet differenti tal-kategoriji. Anness II għandu jitħassar u minflok għandha tapplika d-definizzjoni ġenerali tal-EEE. Il-kategoriji fl-Anness I għandhom jinżammu, kompluti b'kategorija li tgħaqqadhom kollha, biex jiġu indirizzati restrizzjonijiet u żmien differenti għal kategoriji differenti tal-EEE.*

### Emenda 21

#### Proposta għal direttiva Artikolu 2 - paragrafu 1 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Il-Paragrafu 1 għandu japplika għal tagħmir elettriku u elettroniku li, fl-1 ta' Lulju 2014, ikun jaqa' taħt il-kategorija 11 tal-Anness I.**

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-ftuħ tal-ambitu tal-RoHS għal iżjed mill-10 kategoriji attwali jeħtieġ fażi tranżitorja li tippermetti l-manifatturi li japplikaw għal eżenzjonijiet.*

### **Emenda 22**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 2- paragrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni *Komunitarja* dwar is-sikurezza u s-saħħa, rigward kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) 1907/2006 kif ukoll għal-leġislazzjoni Komunitarja speċifika dwar il-ġestjoni tal-iskart.

##### *Emenda*

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni *tal-Unjoni* dwar is-sikurezza u s-saħħa, rigward kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) 1907/2006 ***u d-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw***<sup>1</sup> kif ukoll għal-leġislazzjoni Komunitarja speċifika dwar il-ġestjoni tal-iskart.

---

<sup>1</sup> *ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.*

## *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda teskludi b'mod espliċitu l-vetturi li m'għadhomx jintużaw u l-komponenti elettroniki ta' dawn il-vetturi mill-ambitu tad-Direttiva RoHS. Dawn il-vetturi qatt mhuma se jidħlu fil-fluss tal-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku. Billi huma rregolati minn leġislazzjoni oħra, huma għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tad-Direttiva RoHS.*

### **Emenda 23**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:  
(a) tagħmir li huwa meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri, inklużi armi, munizzjon u materjal tal-gwerra maħsuba għal għanijiet speċifikament militari;

##### *Emenda*

3. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:  
a) tagħmir li huwa meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri, inklużi armi, munizzjon u materjal tal-gwerra maħsuba għal għanijiet speċifikament militari;

(b) tagħmir li huwa ddisinjat speċifikament bħala parti minn tip ieħor ta' tagħmir li ma jaqax fl-ambitu ta' din id-Direttiva u jista' jintuża biss jekk ikun jagħmel parti minn dak it-tagħmir;

*(c) tagħmir li mhuwiex maħsub biex jitqiegħed fis-suq bħala unità funzjonali jew kummerċjali waħda.*

(b) tagħmir li huwa ddisinjat speċifikament bħala parti minn tip ieħor ta' tagħmir li ma jaqax fl-ambitu ta' din id-Direttiva u jista' jintuża biss jekk ikun jagħmel parti minn dak it-tagħmir;

*(ba) mezz ta' trasport għall-persuni u għall-merkanzija;*

*(bb) installazzjonijiet fissi ta' daqs kbir, ħliet għal tagħmir ta' monitoraġġ u ta' kontroll;*

*(bc) għodod industrijali fissi ta' daqs kbira, ħliet għal tagħmir ta' monitoraġġ u ta' kontroll;*

*(bd) it-teknoloġija tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinovabbli maħsuba sabiex tintuża f'sistema li hija ddisinjata, armata u installata għall-użu permanenti f'post definit biex tiġi prodotta l-enerġija għall-applikazzjonijiet pubbliċi, kummerċjali u residenzjali;*

*(be) tagħmir li huwa mmanifatturat fl-Unjoni jew li huwa importat, u speċifikament maħsub għal skopijiet ta' riċerka u żvilupp u mhux mqiegħed fis-suq biex jinbiegħ lill-pubbliku iġenerali;*

*(bf) makkinarju mobbli mhux tat-triq maħsub esklużivament għall-użu professjonali;*

*(bg) tagħmir maħsub biex jintbagħat fl-ispazju;*

*Mhux aktar tard minn [...\*], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jeżamina l-ħtieġa ta' aktar esklużjonijiet ta' tagħmir tal-kategorija 11 mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva fejn il-kontribut fuq żmien fit-tul għall-oġettivi ta' din id-Direttiva bl-inklużjoni ta' dan it-tagħmir ikun baxx wisq meta mqabbel mal-ispiża tiegħu fuq żmien fit-tul. Ir-rapport għandu, jekk ikun il-każ, ikun akkumpanjat bi proposta*

*leġiżlattiva.*

## **Emenda 24**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)**

*3a. Minkejja l-esklużjoni mill-ambitu ta' din id-Direttiva ta' ċerti EEEs, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jnaqqsu l-esponiment għas-sustanzi elenkati fl-Anness IV fil-materjali u l-komponenti tal-EEEs għall-konsumaturi, il-ħaddiema u l-ambjent, għal livell kemm jista' jkun baxx f'termini tekniċi u prattiċi.*

*\* Daħħal id-data: tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

## **Emenda 25**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 - paragrafu 3 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014, l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina l-ambitu ta' din id-Direttiva fir-rigward tat-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(3);*

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li issa jistgħu jsiru dispożizzjonijiet għall-eżenzjonijiet, l-ambitu tal-leġiżlazzjoni għandu jkun soġġett għal reviżjoni li ssegwi l-istimi xierqa tal-impatt.*

## **Emenda 26**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – punt a a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) "dipendenti" tfisser apparat li jeħtieġ l-elettriku sabiex iwettaq tal-anqas waħda mill-funzjonijiet bażiċi tiegħu;**

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) “manifattur” tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li timmanifattura l-EEE jew li għandha l-EEE ddisinjat jew immanifatturat taħt isimha jew bit-trejdmark tagħha;

(b) “manifattur” tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li timmanifattura l-EEE jew li għandha l-EEE ddisinjat jew immanifatturat, **jew li tikkumerċjalizza tali prodott**, taħt isimha jew bit-trejdmark tagħha;

*Ġustifikazzjoni*

*Billi r-Regolament (KE) 765/2008 iservi bħala referenza għar-riformulazzjonni tal-ROHS attwali, id-definizzjonijiet għandhom jikkonformaw ma' xulxin biex jiġu evitati konfużjoni jew interpretazzjonijiet differenti.*

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – punt d a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(da) “operaturi ekonomiċi” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentanti awtorizzati, l-importatur u d-distributtur,**

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-direttiva, it-terminu “operaturi ekonomiċi” jintuża f’haġna postijiet. L-istess definizzjoni li hija mogħtija fid-Deċiżjoni 768/2008/KE dwar qafas komuni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għandha tapplika.*

## **Emenda 29**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 - punt g a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ga) “speċifikazzjoni teknika” tfisser dokument li jniżżel ir-rekwiżiti tekniċi li jridu jiġu sodisfatti minn prodott, proċess jew servizz;**

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-direttiva, it-terminu “speċifikazzjoni teknika” jintuża f’haġna postijiet. L-istess definizzjoni li hija mogħtija fid-Deċiżjoni 768/2008/KE dwar qafas komuni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għandha tapplika.*

## **Emenda 30**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 – punt k a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ka) “teħid lura” tfisser kull miżura maħsuba biex jittieħed lura prodott li jkun diġà jista’ jinkiseb mill-utent aħħari;**

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-direttiva, it-terminu “teħid lura” jintuża f’haġna postijiet. L-istess definizzjoni li hija mogħtija fid-Deċiżjoni 768/2008/KE dwar qafas komuni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għandha tapplika.*

## **Emenda 31**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 - punt k b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(kb) “irtirar” tfisser kull miżura maħsuba biex ma tħallix li prodott fil-katina tal-provvista jsir disponibbli fis-suq;**

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-direttiva, it-terminu “irtirar” jintuża f’haġna postijiet. L-istess definizzjoni li hija mogħtija fid-Deċiżjoni 768/2008/KE dwar qafas komuni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għandha*



*tapplika.*

## **Emenda 32**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 - punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) “materjal omoġenju” tfisser materjal **ta' kompożizzjoni kollha kemm hi uniformi** li ma **jistax jinfired** b'mod mekkaniku f'materjali differenti, **jiġifieri l-materjali, fil-prinċipju, ma jistgħux jiġu sseparati b'azzjonijiet mekkaniċi bħal proċessi żvitar, qtugħ, tgħaffiġ, tħin u brix;**

*Emenda*

(1) “materjal omoġenju” tfisser: materjal **li jikkonsisti kollu kemm hu minn materjal wieħed biss; jew**

**- taħlita ta' diversi materjali li ma jistgħux jinfirdu** b'mod mekkaniku f'materjali differenti, **ħlief għaż-żebgħa ta' barra; jew**  
**- iż-żebgħa ta' barra.**

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn li jkun hemm distinzjoni bejn il-materjali li jikkonsistu minn materjal wieħed biss u dawk li jikkonsistu minn ħafna materjali li ma jistgħux jinfirdu b'mod mekkaniku. Iż-żebgħat ta' barra għandhom jitqiesu fihom infushom bħala materjal omoġenju.*

## **Emenda 33**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 – punt 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1a) “**kejbils**” tfisser **il-kejbils kollha fl-EEEs u l-kejbils kollha li jservu ta' konnessjoni jew estensjoni biex iqabbdu t-tagħmir man-netwerk rilevanti;**

## **Emenda 34**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 - punt 1 b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1b) “**frid b'mod mekkaniku**” tfisser **li l-materjali jistgħu, bi prinċipju, jinfirdu**

***b'azzjonijiet mekkaniċi, b'hal proċessi ta' żvitar, qtugħ, tgħaffiġ, tħin u brix;***

*Ġustifikazzjoni*

*Definizzjoni hija importanti biex jiġi żgurat li tinkiseb ċertezza legali fir-rigward tal-kampjuni u l-ittestjar. Sabiex tiġi provduta ċertezza legali għandu ikun hemm definizzjoni separata ta' "frid b'mod mekkaniku".*

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 - punt p**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(p) "monitoraġġ u strumenti ta' kontroll industrijali tfisser monitoraġġ u strumenti ta' kontroll iddisinjati esklussivament għal użu industrijali ***jew professjonali***."

(p) "monitoraġġ u strumenti ta' kontroll industrijali" tfisser monitoraġġ u strumenti ta' kontroll iddisinjati esklussivament għal użu industrijali."

*Ġustifikazzjoni*

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja, normalment tiddistingwi bejn l-użu mill-pubbliku, mill-professjonali jew fl-industrija. Id-distinzjoni bejn il-pubbliku u l-professjonali tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Id-distinzjoni hija aktar u aktar imċajpra għax persuni mill-pubbliku jista' jkollhom aċċess għall-prodotti professjonali filwaqt li l-professjonali jistgħu jużaw prodotti li jkunu disponibbli sew għall-pubbliku. Biex tiġi evitata iżjed konfużjoni, id-definizzjoni ta' strumenti industrijali għall-immonitorjar u l-kontroll għandha tkun limitata esklussivament għal "użu industrijali".*

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 - punt p a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(pa) "oġġetti tal-konsum" tfisser kwalunkwe unità li fiha parti elettrika jew elettronika, li hija neċessarja għall-funzjonament ta' EEE u li viċe versa ma tistax taħdem mingħajr l-EEE;***

(Sostituzzjoni tal-Emenda 26.)

### Ġustifikazzjoni

Minħabba l-interdipendenza bejn l-EEE u l-oġġetti tal-konsum, l-oġġetti tal-konsum għandhom jiġu inklużi fid-Direttiva, iktar u iktar billi huma normalment għandhom ħajja iqsar u għalhekk isiru skart aktar malajr mill-EEE. Definizzjoni għandha għalhekk tiġi inkluża. Din id-definizzjoni hija limitata għal unitajiet li għandhom partijiet elettriċi/elettroniċi. Għalhekk għandha tinkludi pereżempju l-kartriġis tat-toner attwali, iżda teskludi s-CDs, il-karti tal-istampar, it-trab tal-makni tal-ħasil tal-platti jew il-golji.

### Emenda 37

#### Proposta għal direttiva Artikolu 3 - punt p b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(pb) “nanomaterjali” tfisser kwalunkwe materjal prodott b’mod intenzjonat li għandu dimensjoni jew aktar ta’ 100 nm jew anqas jew li huwa kompost minn partijiet funzjonali diskreti, minn ġewwa jew fuq il-wiċċ, li ħafna minnhom għandhom dimensjoni jew aktar ta’ 100 nm jew anqas, inklużi l-istrutturi, l-agglomerati jew l-aggregati, li jista’ jkollhom daqs ta’ aktar minn 100 nm iżda li għandhom proprjetajiet li huma karatteristiċi tan-nanoskala.**

**Il-proprjetajiet li huma karatteristiċi tan-nanoskala jinkludu:**

- (i) dawk relatati ma’ erja tal-wiċċ speċifika kbira tal-materjali kkunsidrati, u/jew**
- (ii) proprjetajiet fiżjoċikimiċi speċifiċi li huma differenti minn dawk tan-nanoforma tal-istess materjal.**

### Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni tan-nanomaterjali. Id-definizzjoni hawnhekk hija dik li sar ftehim dwarha mit-tliet istituzzjonijiet fil-kuntest tar-regolament dwar l-ikel ġdid.

### Emenda 38

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – paragrafu 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fid-dawl tad-diversi definizzjonijiet ta' nanomaterjali ppubblikati minn diversi korpi fil-livell internazzjonali u l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi kontinwi fil-qasam tananoteknoloġiji, il-Kummissjoni għandha, permezz tal-atti delegati skont l-Artikolu 18, taġġusta u tadatta l-punt (pa) tal-Artikolu preżenti għall-progress tekniku u xjentifiku, billi tqis id-definizzjonijiet sussegwentement maqbula fuq livell internazzjonali.*

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 - punt p c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(pc) “aċċessorju” tfisser kwalunkwe unità li fiha parti elettrika jew elettronika jew aktar minn waħda, imfassla biex tintuża mal-EEE, li mhijiex meħtieġa għall-funzjonament tal-EEE, iżda li ma tistax taħdem mingħajr l-EEE;*

*Ġustifikazzjoni*

*L-RoHS għandha tinkludi wkoll l-aċċessorji. Definizzjoni għandha għalhekk tiġi inkluża. Din id-definizzjoni hija limitata għal unitajiet li għandhom partijiet elettriċi/elettroniċi. Għalhekk, tinkludi pereżempju lentijiet separati għall-kameras diġitali, iżda teskludi l-basket tal-kamera jew il-lenti.*

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 - punt p d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(pd) "parti elettrika jew elettronika"  
tfisser kwalunkwe unità b'żewġ  
kondutturi taċ-ċomb jew ta' metall ieħor  
jew aktar, li tkun parti minn ċirkwit  
elettriku, biex tipprovdi funzjoni diskreta;*

*Ġustifikazzjoni*

*Billi d-definizzjonijiet li għadhom kif ġew introdotti għall-"oġġett tal-konsum" u l-  
"aċċessorju" jirreferu għall-fatt li fihom "parti elettrika jew elettronika", għandha tingħata  
definizzjoni għal dawn il-partijiet.*

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 - punt p e (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(pe) "mezz ta' trasport" tfisser vettura  
użata għat-trasport tal-persuni jew ta'  
merkanzija, bħal karozzi, xarabanks,  
trakkijiet, trams, ferroviji, vapuri u  
ajruplani;*

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 - punt p f (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(pf) "stallazzjoni fissa ta' daqs kbir"  
tfisser kombinazzjoni partikolari ta'  
diversi tipi ta' apparat u, fejn applikabbli,  
strumenti oħra, li huma mmuntati,  
installati b'mod permanenti f'lok  
predefinit. Hija m'għandha tinkludi ebda  
komponenti elettriċi u elettroniċi li*

*jistgħu, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-istallazzjoni kkonċernata, jiġu ssostitwiti minn żmien għal żmien u li jistgħu wkoll iwettqu l-funzjoni tagħhom mingħajr ma jkunu parti minn dik l-istallazzjoni;*

#### **Emenda 43**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 - punt p g (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(pg) “għodod industrijali fissi ta’ daqs kbir” tfisser ġabra ta’ magni, tagħmir, u/jew komponenti, maħsuba biex jintużaw flimkien fl-industrija biex iwettqu biċċa xogħol speċifika. Hija tiġi installata minn persunal speċjalizzat responsabbli biss mill-attività ta’ istallazzjoni, u huma stazzjonati b’mod permanenti matul il-fażi tal-użu tagħhom. Hija m’għandhiex tinkludi komponenti elettriċi u elettroniċi li jistgħu, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-għodda kkonċernata, jiġu ssostitwiti minn żmien għal żmien u li jistgħu wkoll iwettqu l-funzjoni tagħhom ukoll mingħajr ma jkunu parti minn dik l-għodda;*

#### **Emenda 44**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 - punt p h (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ph) “makkinarju mobbli mhux tat-triq maħsub esklużivament għall-użu professjonali” tfisser tagħmir kif definit mid-Direttiva 97/68/KE li huwa*

*disponibbli biss biex jintuża minn  
professionisti;*

## Emenda 45

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-EEE inklużi l-ispare parts għat-tiswija jew għall-użu mill-ġdid tiegħu mqiegħed fis-suq ma jkunx fih is-sustanzi elenkati fl-Anness IV.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-EEE, inklużi l-ispare parts għat-tiswija jew għall-użu mill-ġdid tiegħu, ***il-kejbils, l-oġġetti tal-konsum u l-aċċessorji, u l-partijiet għar-rikalibrazzjoni jew għall-aġġornament tal-funzjonalitajiet jew għat-*tkabbir tal-kapaċità**** mqiegħda fis-suq ma jkunx fih is-sustanzi elenkati fl-Anness IV.

## Emenda 46

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal spare parts għat-tiswija jew l-użu mill-ġdid ta' dawn li ġejjin:

- (a) L-EEE mqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006.
- (b) Apparat mediku mqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2014.
- (c) Apparat mediku dijanjostiku *in vitro* mqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2016.
- (d) Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll

#### *Emenda*

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ***kejbils, oġġetti tal-konsum, aċċessorji jew spare parts għat-tiswija jew l-użu mill-ġdid, u lanqas għall-partijiet għar-rikalibrazzjoni jew l-aġġornament tal-funzjonalitajiet jew it-*tkabbir tal-kapaċità****, ta' dawn li ġejjin:

- (a) L-EEE mqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006.
- (b) Apparat mediku mqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2014.
- (c) Apparat mediku dijanjostiku *in vitro* mqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2016.
- (d) Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll

imqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2014.

(e) Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll imqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2017.

(f) L-EEE li bbenefika minn eżenzjoni u tqiegħed fis-suq qabel skadjet dik l-eżenzjoni.

imqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2014.

(e) Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll imqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2017.

(f) L-EEE li bbenefika minn eżenzjoni u tqiegħed fis-suq qabel skadjet dik l-eżenzjoni, *safejn hija kkonċernata l-eżenzjoni relevanti.*

## Emenda 47

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 4 - paragrafu 4 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4a. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-użu mill-ġdid ta' spare parts li jkunu ġew irkuprati mill-EEE li tqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006 f'tagħmir imqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2016, bil-kundizzjoni li l-użu mill-ġdid isir f'sistemi ta' ritorn minn negozju għal negozju b'ċiklu magħluq u li tista' ssirilhom verifika, u li l-użu mill-ġdid tal-partijiet jiġi nnotifikat lill-konsumatur.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi żgurata l-effiċjenza tar-riżorsi, l-UE teħtieġ tippromwovi iktar l-użu mill-ġdid. Ir-rimi, il-qerda jew is-sostituzzjoni prematura tal-ispare parts li jaħdmu tajjeb u li jistgħu jintużaw mill-ġdid, minħabba l-fatt li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006 u ma jikkonformawx mar-restrizzjonijiet tal-RoHS, tista' tikkawża piż ambjentali mhux meħtieġ. Jekk din l-eżenzjoni temporanja ma tkunx permessa, dan iwassal għar-rimi tat-tagħmir kollu inkluża l-maġġoranza tal-partijiet li huma konformi mal-RoHS. Billi l-użu mill-ġdid isir f'sistema ta' ritorn magħluqa, it-tmiem il-ħajja ta' dawn il-partijiet se jkun ikkontrollat u mmaniġġjat kif xieraq.*

## Emenda 48



**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal apparat mediku attiv impjantabbli. Sal-2020 il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-esklużjoni ta' apparat mediku impjantabbli bil-għan li ttipponi l-inklużjoni.

*Emenda*

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal apparat mediku attiv impjantabbli. Sal-2020 il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-esklużjoni ta' apparat mediku impjantabbli bil-għan li ***tevalwa d-disponibilità ta' alternattivi xierqa, sikuri u affidabbli bbażati fuq il-pariri xjentifiċi u teknoloġiċi*** li ttipponi l-inklużjoni.

*Ġustifikazzjoni*

*Maħsuba biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda konflitt mal-ħtieġa li jiġi żgurati li l-apparat mediku attiv impjantabbli jkun disponibbli.*

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-applikazzjonijiet elenkati fl-Annessi V u VI.

*Emenda*

6. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-applikazzjonijiet elenkati fl-Annessi V, VI u VIa.

*(Korrezzjoni ta' omissjoni, li tisostitwixxi l-Emenda 33. Marbuta mal-Emendi tal-Artikolu 2(1) u 4(1a), l-Anness I u l-Anness VIa)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-introduzzjoni ta' ambitu miftuħ teħtieġ Anness separat li jippermetti li jkun hemm applikazzjonijiet eżentati mill-projbizzjoni fl-Artikolu 4(1) għall-EEE li attwalment ma kinux jaqgħu fl-ambitu tal-RoHS jiġifieri dawk li ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-ebda waħda mill-ewwel 10 kategoriji. Jeħtieġ li jkun hemm possibiltà għal eżenzjonijiet mir-restrizzjoni l-ġdida proposta fil-paragrafu 1.*

## Emenda 50

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7. Meta jkun hemm riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, li jkun ġej mill-użu ta' sustanzi, b'mod partikolari s-sustanzi elenkati fl-Anness III, li jeħtieġ li jiġi indirizzat f'livell Komunitarju, il-lista tas-sustanzi pprojbiti fl-Anness IV għandha tiġi riveduta bl-użu ta' metodoloġija bbażata fuq il-proċess stabbilit fl-Artikoli 69 sa 72 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Il-miżuri maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(2).**

**imħassar**

*(Marbuta mal-emenda li terġa' ddaħħal l-Artikolu 6 tal-RoHS f'forma modifikata)*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-RoHS huwa direttiva dwar kwistjoni waħda: direttiva li tevita milli jkun hemm sustanzi ta' ħsara fl-EEE. Mhuwiex aċċettabbli li s-setgħa għal deċiżjonijiet dwar l-essenza vera tal-RoHS tiġi ddelegata lill-komitoloġija, aħseb u ara lil metodoloġija fil-komitoloġija li għad trid tiġi definita, iktar u iktar li l-leġiżlatur awtorizza b'mod ċar lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti bħal dawn f'kodeċiżjoni (Art. 6). Li jsir dan ifisser li issa ma jistax ikun hemm restrizzjonijiet ġodda, li tmur kontra r-rakkomandazzjonijiet magħmula fl-istudju tal-Kummissjoni. Biex l-RoHS iżomm il-forza prinċipali tiegħu, hemm bżonn jiġu adottati issa restrizzjonijiet ġodda, u mhux imressqa għal żmien mhux determinat fil-futur.*

## Emenda 51

### Proposta għal direttiva Artikolu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha, għall-finijiet ta' adattament **tal-annessi** għall-progress xjentifiku u tekniku, tadotta l-miżuri li ġejjin:

1. Il-Kummissjoni għandha, għall-finijiet ta' adattament **tal-Annessi V, VI u VIa** għall-progress xjentifiku u tekniku, **u filwaqt li tqis il-kriterji stipulati fl-**

*Artikolu 6a*, tadotta l-miżuri li ġejjin:

**(a) kwalunkwe emenda meħtieġa għall-Anness II.**

**(b)** Tinkludi materjali u komponenti tal-EEE fl-Annessi V u VI fejn tiġi ssodisfata waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- it-tneħħija jew is-sostituzzjoni tagħhom permezz ta' bidliet fid-disinn jew fil-materjali u l-komponenti li ma jeħtieġu l-ebda materjal jew sustanza msemmi(ja) fl-Artikolu 4(1) mhijiex prattika mil-lat *xjetnifiku jew* tekniku;

- *id-disponibbiltà u* l-affidabbiltà tas-sostituti *mhumiex żgurati*,

- l-impatti negattivi ambjentali, għas-saħħa *jew is-sikurezza* tal-konsumatur *jew soċjoekonomiċi* kkawżati mis-sostituzzjoni x'aktarx li huma oġġla mill-benefiċċji ambjentali, għas-saħħa *jew is-sikurezza* tal-konsumatur *u/jew soċjoekonomiċi* tagħhom;

**(c)** jitħassru l-materjali u l-komponenti tal-EEE mill-Annessi V u VI fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti *fil-punt (b)* ma għadhomx qed jiġu ssodisfati.

**Il-miżuri maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(2).**

2. Il-miżuri adottati skont *il-punt b* tal-paragrafu 1 għandu jkollhom perjodu ta' validità *massima ta'* erba' snin *u* jistgħu jiġġeddu. **Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi f'limitu ta' żmien xieraq dwar kwalunkwe applikazzjoni għat-tiġdid li titressaq mhux aktar tard minn 18-il xahar qabel tiskadi eżenzjoni.**

**(a)** Tinkludi materjali u komponenti tal-EEE *għal applikazzjonijiet speċifiċi* fl-Annessi V, VI *u VIa* fejn tiġi ssodisfata waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- it-tneħħija jew is-sostituzzjoni tagħhom permezz ta' bidliet fid-disinn jew fil-materjali u l-komponenti li ma jeħtieġu l-ebda materjal jew sustanza msemmi(ja) fl-Artikolu 4(1) mhijiex prattika mil-lat tekniku;

- l-affidabbiltà tas-sostituti *mhijiex żgurata*,

- l-impatti negattivi ambjentali, għas-saħħa *u għas-sikurezza* tal-konsumatur ikkawżati mis-sostituzzjoni x'aktarx li huma oġġla mill-benefiċċji ambjentali, għas-saħħa *u għas-sikurezza* tal-konsumatur *ibbażati, fejn ikun il-każ, fuq evalwazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja* tagħhom,

**(b)** jitħassru l-materjali u l-komponenti tal-EEE mill-Annessi V u VI fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti *fil-punt (a)* ma għadhomx qed jiġu ssodisfati.

**Il-Kummissjoni tadotta kull tali miżura permezz ta' att delegat individwali skont l-Artikolu 18.**

2. Il-miżuri adottati skont *il-punt (a)* tal-paragrafu 1 għandu jkollhom perjodu ta' validità *ta' mhux iżjed minn* erba' snin *għall-kategoriji 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 10 u 11 tal-Anness I, u perjodu ta' validità ta' mhux iżjed minn tmien snin għat-tagħmir tal-kategoriji 8 u 9 tal-Anness I, Il-perjodu ta' validità jiġi deċiż fuq il-bażi ta' każ b'każ. Dawn il-miżuri* jistgħu jiġġeddu.

*Il-Kummissjoni għandha tqis l-impatti soċjoekonomiċi kif definit fl-Anness XVI tar-Regolament (KE) 1907/2006 meta tkun qed tiddeċiedi dwar il-perjodu ta' validità ta' eżenzjoni jew it-tiġdid ta' eżenzjoni.*

*Fejn il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ aktar ħin sakemm tiġi applikata l-projbizzjoni jew sakemm tiskadi l-eżenzjoni, skont il-każ, biex tiġi żgurata disponibilità adegwata ta' sostituti, inklużi raġunijiet ta' restrizzjonijiet tal-proprjetà intellettwali, hija għandha tikkonċedi perjodu ulterjuri wara l-applikazzjoni tal-projbizzjoni jew l-iskadenza tal-eżenzjoni. Id-dewmien tal-perjodu ulterjuri għandu jiġi deċiż fuq bażi każ b'każ u m'għandux jaqbeż it-18-il xahar mill-applikazzjoni tal-projbizzjoni jew l-iskadenza tal-eżenzjoni.*

*L-eżenzjonijiet speċifiċi fl-Annessi V, VI u Via għandhom jindikaw id-data tal-għoti tal-eżenzjoni, tat-tiġdid tagħha, tal-iskadenza tagħha, u tal-perjodu ulterjuri konċess.*

*2a. L-applikazzjonijiet għall-għoti, tiġdid jew it-tħassir ta' eżenzjoni mill-Artikolu 4(1) għandhom jsiru lill-Kummissjoni skont l-Anness VIb. Applikazzjoni għat-tiġdid ta' eżenzjoni għandha tirrifletti l-aktar sitwazzjoni riċenti.*

*2b. Il-Kummissjoni għandha:*

*(a) tagħti rċevuta bil-miktub għall-applikazzjoni fi żmien 15-il ġurnata mill-wasla tagħha. L-irċevuta għandha turi d-data ta' meta rċeviet l-applikazzjoni;*

*(b) tassenja numru għall-applikazzjoni, li għandu jintuża għall-korrispondenza kollha li tirrigwarda l-applikazzjoni sakemm ir-reviżjoni titqies konklużi;*

*(c) tinforma mingħajr dewmien lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel l-applikazzjoni u kwalunkwe informazzjoni supplimentari provduta*

*mill-applikant u li hija disponibbli għalihom;*

*(d) tagħmel sommarju tal-applikazzjoni disponibbli għall-pubbliku.*

*(e) twettaq studju indipendenti dwar il-ġustifikazzjoni tal-applikazzjoni.*

*2c. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn 18-il xahar qabel ma tibda tapplika l-projbizzjoni, jew qabel l-eżenzjoni tiskadi, skont il-każ.*

*Il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni mhux aktar tard minn 6 xhur qabel ma tibda tapplika l-projbizzjoni, jew qabel l-eżenzjoni tiskadi, skont il-każ. F'każ li l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni sa dakinhar, l-eżenzjoni tkun valida jew tibqa' valida sa sitt xhur wara li l-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni.*

3. Qabel ma jiġu emendati l-Annessi, il-Kummissjoni għandha fost l-oħrajn tikkonsulta *l-produtturi ta' tagħmir elettriku u elettroniku*, ir-riċiklaturi, l-operaturi tat-trattament, l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-għaqdiet tal-impjegati u l-konsumaturi.

3. Qabel ma jiġu emendati l-Annessi V, VI u VIa, il-Kummissjoni għandha fost l-oħrajn tikkonsulta *lill-opertauri ekonomiċi*, ir-riċiklaturi, l-operaturi tat-trattament, l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-għaqdiet tal-impjegati u l-konsumaturi. *Kummenti li jaslu mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' tali konsultazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli pubblikament. Il-Kummissjoni għandha tagħti tagħrif dwar l-informazzjoni li tirċievi u tagħmilha disponibbli pubblikament.*

*4. Sakemm il-materjali u l-komponenti jiġu inklużi fl-Annessi V u VI għal din id-Direttiva, abbażi tal-Artikolu 5(1)(b) ta' din id-Direttiva, dawk l-applikazzjonijiet għandhom ukoll jiġu kkunsidrati bħala eżentati mir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.*

*3a. Minkejja l-inklużjoni ta' materjali u komponenti fl-Annessi V, VI jew VIa, l-Istati membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jnaqqsu l-*

*espożizzjoni għas-sustanzi elenkati fl-Anness IV f'materjali u komponenti tal-EEE għall-konsumaturi, il-ħaddiema u l-ambjent għal livell baxx kemm jista' jkun teknikament u prattikament possibbli.*

*3b. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18, tadotta format armonizzat għall-applikazzjonijiet skont il-paragrafu 2a.*

*3c. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida komprensiva dwar l-applikazzjoni tal-paragrafu 2a, filwaqt li tqis is-sitwazzjoni tal-SMEs.*

*3d. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18, timmodifika Anness VIIb biex iżżid aktar elementi miegħu.*

*3e. Mhux aktar tard minn [...\*], il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18, liema mill-eżenzjonijiet mogħtija fl-Anness V għandhom japplikaw ukoll għat-tagħmir tal-kategoriji 8 u 9. F'każ li ma tittieħed l-ebda deċiżjoni sa dak iż-żmien, l-eżenzjonijiet mogħtija fl-Anness V għandhom ikunu validi wkoll għal dan it-tagħmir.*

*\* Daħħal id-data: tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

## **Emenda 52**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 5a*

#### *Nanomaterjali*

*1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-użu ta' nanomaterjali fl-EEE u għandha tiġi provduta d-dejta kollha rilevanti fir-rigward tas-sigurtà tagħhom għas-saħħa*

*tal-bniedem u l-ambjent fuq iċ-ċiklu tagħhom tal-ħajja.*

*2. Mhux aktar tard minn [...\*], wara li kkunsidrat l-għarfien provdut minn operaturi ekonomiċi skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tevalwa s-sigurtà ta' nanomaterjali fl-EEE għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, b'mod partikolari waqt l-użu u t-trattament, u tikkommunika s-sejbiet tagħha f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għal ġestjoni ta' riskju adegwata ta' nanomaterjali fl-EEE, jekk ikun meħtieġ.*

*3. Mhux aktar tard minn [...\*\*], l-operaturi ekonomiċi għandhom jagħmlu tikketti fuq l-EEE li fihom nanomaterjali li jistgħu jwasslu li l-konsumaturi jkun esposti.*

*4. Mhux aktar tard minn [...\*\*], il-Kummissjoni għandha tiżviluppa standard għall-identifikazzjoni u l-kxif ta' nanomaterjali permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18.*

*5. Mhux aktar tard minn [...\*\*], il-Kummissjoni għandha tiżviluppa regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ttikkettjar tal-paragrafu 3 permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18.*

*\* Daħħal id-data: 36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.*

*\*\* Daħħal id-data: 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.*

*\*\*\* Daħħal id-data: 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.*

## **Emenda 53**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Miżuri ta' implimentazzjoni***

Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati għal:

***- applikazzjonijiet għall-eżenzjoni inklużi l-format u t-tip ta' tagħrif li għandhom jiġu pprovduti meta jitrassqu dawk l-applikazzjonijiet, inkluża l-analiżi tal-alternattivi u, jekk hemm alternattivi adegwati disponibbli, il-pjanijiet ta' sostituzzjoni kif imsemmi fir-Regolament (KE) 1907/2006.***

***- Konformità mal-valuri ta' konċentrazzjoni massima tal-Artikolu (4)(2)***

***- L-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2), b'kunsiderazzjoni għall-ħtieġa ta' ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi sakemm tittieħed id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-eżenzjonijiet.***

***Il-miżuri maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(2).***

*Emenda*

***Atti delegati***

***Mhux aktar tard minn [...\*], il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18, regoli dettaljati għal:***

***- konformità mal-valuri massimi ta' konċentrazzjoni tal-Artikolu (4)(2), fost l-oħrajn billi jiġi definit volum de minimis, u regoli speċifiċi għaż-żebgħa fuq barra,***

***- it-teħid ta' kampjuni u l-ispezzjoni ta' tagħmir elettriku u elettroniku,***

***- format armonizzat għal dikjarazzjoni dwar materjali, komponenti u partijiet tal-EEE, inklużi dettalji dwar il-konċentrazzjoni ta' sustanzi regolati b'din id-Direttiva,***

***- l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-tikkettar għal nanomaterjali tal-Artikolu 5a(3).***

***\* Daħħal id-data: tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***



## Emenda 54

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 6a*

##### *Reviżjoni*

*Qabel [...\*], u perjodikament wara dik id-data il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis il-prinċipju prekawzjonarju, u abbażi ta' studju tal-impatt, tirrevedi u temenda l-lista tas-sustanzi pprojbiti tal-Anness IV jekk jitqies li xi sustanza, jew grupp ta' sustanzi simili fl-EEE jew fl-iskart li jirriżulta minnu, tkun jew ikunu detrimental għall-irkupru jew ir-rimi – bla ħsara għall-ambjent – ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku jew tħalli impatt negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent waqt l-użu u t-trattament ta' skart ta' EEE.*

*Matul dik ir-reviżjoni għandha tingħata attenzjoni partikolari dwar jekk dawn is-sustanzi jew gruppi ta' sustanzi:*

*(a) jistgħux iħallu impatt negattiv fuq il-possibilitajiet li jsiru preparamenti għall-użu mill-ġdid tal-EEE jew riċiklaġġ ta' materjali ġejjin mill-iskart ta' EEE;*

*(b) jistgħux iwasslu għal tixrid mhux ikkontrollat jew tixrid diffuż fl-ambjent tas-sustanza jew ta' esidwi perikolużi, jew tal-prodotti ta' trasformazzjoni jew ta' degradazzjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u, b'mod partikolari, matul it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ jew trattament ieħor ta' materjali mill-iskart tal-EEE, inkluż matul operazzjonijiet mhux konformi mal-istandards fl-Unjoni Ewropea u f'pajjiżi terzi;*

*(c) jistgħux iwasslu li l-ħaddiema involuti fil-ġbir jew it-trattament ta' skart ta' EEE*

*jkunu esposti b'mod inaċċettabbli;*

*(d) jistgħux iwasslu għal kwantitajiet sinifikanti ta' skart perikoluż sekondarju waqt it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ jew trattament ieħor ta' materjali mill-iskart tal-EEE;*

*(e) jistgħux jiġu sostitwiti b'sostituti aktar sikuri jew teknoloġiji alternattivi permezz ta' bidliet fid-disinn jew fil-materjali u l-komponenti li għandhom anqas impatti negattivi fuq l-irkupru jew ir-rimi – bla ħsara għall-ambjent – ta' skart ta' EEE jew impatt anqas negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent.*

*Waqt dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet interessati, inklużi operaturi ekonomiċi, riċiklaturi, operaturi tat-trattament, organizzazzjonijiet ambjentali u assoċjazzjonijiet tal-impjegati u tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll kwalunkwe dossjer relevanti ppreżentat mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew leġiżlazzjoni oħra tal-UE. Hija għandha tqis ukoll il-possibilità li tagħti eżenzjonijiet lil dawk l-applikazzjonijiet li fihom dawn is-sostituti jew teknoloġiji alternattivi għadhom mhux disponibbli.*

*Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness IV, jekk ikun il-każ, sa dawk id-dati u perjodikament wara dawk id-dati, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18.*

*Fi kwalunkwe mument, Stat Membru jew il-Parlament Ewropew jista' jitlob lill-Kummissjoni li tippreżenta tali proposta. Din it-talba għandha tkun ġustifikata kif xieraq abbażi tal-kriterji stipulati f'dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra t-talba u tadotta miżuri, jekk ikun il-każ, mhux aktar tard minn tna-x-il xhar wara li tirċievi t-talba, permezz ta'*

*atti delegati skont l-Artikolu 18.*

*\* Daħħal id-data: erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.*

*\*\* Daħħal id-data: tmien snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.*

## **Emenda 55**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 6b*

#### *Adattament għar-REACH*

*Meta limitazzjonijiet ġodda dwar it-tqegħid fis-suq fir-rigward ta' sustanzi użati fl-EEE huma adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, għaldaqstant l-Annessi rilevanti ta' din id-Direttiva għandhom jiġu emendati, li jikkorrispondu d-data ta' estinzjoni għal sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li għalihom ma nġhatat l-ebda awtorizzazzjoni, jew id-data ta' applikazzjoni tar-restrizzjoni, skont il-każ.*

*Il-Kummissjoni għandha tadotta tali miżuri permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18.*

*(Bdil tal-emenda 49 mir-rapporteur. Marbuta mas-sostituzzjoni tal- "proċedura regolatorja bi skrutinju" ta' qabel bil-proċedura l-ġdida tal-atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.)*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn jiġi introdott mekkaniżmu li jippermetti li r-restrizzjonijiet jew it-tneħħija gradwali b'awtorizzazzjoni kif inhuma adottati f'REACH jiġu ttrasferiti fl-RoHS.*

## Emenda 56

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 - parti introduttorja (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:***  
*(Din l-emenda teħtieġ tibdil  
konsegwenzjali fl-artikolu sħiħ; il-  
paragrafi jsiru punti u l-istruttura  
grammatikali tagħhom trid tiġi adattata kif  
xieraq.)*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din hija korrezzjoni ta' żball tal-abbozzar fil-proposta tal-Kummissjoni. Direttiva ma tistax tistabbilixxi b'mod dirett obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi. Tista' tistabbilixxi biss obbligi fuq l-Istati Membri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jieħdu ċertu azzjoni.*

## Emenda 57

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-manifatturi ***għandhom ifasslu*** d-dokumentazzjoni teknika meħtieġa u jwettqu l-proċedura ta' kontroll intern tal-produzzjoni stabbilita fil-modulu A tal-Anness II għad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE jew iqabbd u lil xi ħadd biex jagħmel dan.

Fejn ikun intwera permezz ta' ***dik il-proċedura*** li l-EEE huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, il-manifatturi ***għandhom ifasslu*** dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u jwahaħlu l-marka CE.

2. Il-manifatturi ***jfasslu*** d-dokumentazzjoni teknika meħtieġa u jwettqu l-proċedura ta' kontroll intern tal-produzzjoni stabbilita fil-modulu A tal-Anness II għad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE jew iqabbd u lil xi ħadd biex jagħmel dan, ***sakemm il-leġiżlazzjoni speċifika ma teħtieġx dokumentazzjoni teknika u proċeduri ta' kontroll intern li għall-inqas ikunu stretti daqs il-proċedura stipulata f'dak il-modulu.***

Fejn ikun intwera permezz ta' ***dawk il-proċeduri*** li l-EEE huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, il-manifatturi ***jfasslu*** dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u jwahaħlu l-marka CE.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Fejn diġà tapplika leġiżlazzjoni komparabbli (eż. għal apparat mediku), u fejn fiha mill-inqas l-elementi speċifikati fl-Anness VII, għandu jkun aċċettabbli li tiġi provduta d-dikjarazzjoni ta' konformità bi qbil ma' dik il-leġiżlazzjoni sabiex tiġi evitata burokrazija doppja.*

## Emenda 58

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Meta jitqies xieraq fir-rigward tar-riskji **ppreżentati** minn prodott, il-manifatturi **għandhom, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-konsumaturi, iwettqu** ttestjar permezz ta' kampjuni tal-EEE kummerċjalizzat, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, tal-EEE li ma jkunx konformi u ta' prodotti li nġabru lura, u **għandhom iżommu** lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.

#### *Emenda*

5. Meta jitqies xieraq fir-rigward tar-riskji **għas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent jew l-irkupru u r-rimi li jkun tajjeb għall-ambjent ippreżentati** minn prodott, il-manifatturi **jwettqu** ttestjar permezz ta' kampjuni tal-EEE kummerċjalizzat, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, tal-EEE li ma jkunx konformi u ta' prodotti li nġabru lura, u **jżommu** lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-RoHS ġie adottat biex jindirizza r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, b'mod partikolari matul it-tmiem tal-ħajja, minħabba l-użu ta' ċertu sustanzi jew materjali ta' ħsara fl-EEE. Dan għandu jiġi rifless fit-tqegħid tal-kliem ta' dan l-artikolu.*

## Emenda 59

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-manifatturi **għandhom** jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trejdmark reġistrat tagħhom u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-EEE jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-EEE. L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.

#### *Emenda*

7. Il-manifatturi jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trejdmark reġistrat tagħhom u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-EEE jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-EEE. **F'każ li leġiżlazzjoni applikabbli speċifika diġà tistipula tali rekwiżiti, minflok għandhom japplikaw ir-rekwiżiti f'dik il-leġiżlazzjoni.** L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.

## Ġustifikazzjoni

*F'każ li diġà tapplika leġiżlazzjoni komparabbli (eż. għal apparat mediku), id-dispożizzjonijiet ta' dik il-leġiżlazzjoni għandhom japplikaw.*

### Emenda 60

#### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li l-EEE li huma jkunu qiegħdu fis-suq mhux konformi **mal-leġiżlazzjoni Komunitarja ta' armonizzazzjoni applikabbli**, għandhom jieħdu minnufih il-miżuri korrettivi meħtieġa biex l-EEE jsir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq. Barra minn hekk, **fejn l-EEE jippreżenta riskju**, il-manifatturi **għandhom** jinformat minnufih dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamli l-EEE disponibbli, billi jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet.

##### *Emenda*

8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li l-EEE li huma jkunu qiegħdu fis-suq mhux konformi **mad-Direttiva**, għandhom jieħdu minnufih il-miżuri korrettivi meħtieġa biex l-EEE jsir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq. Barra minn hekk, il-manifatturi jinformat minnufih dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamli l-EEE disponibbli, billi jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet.

## Ġustifikazzjoni

*Ir-referenza għall-konformità għandha tkun din id-Direttiva, li tinkludi referenzi rilevanti għal-leġiżlazzjoni Komunitarja ta' armonizzazzjoni, u mhux biss tal-aħħar. It-tfassir ta' "għandhom" ikompli mat-tiswija ta' żball tal-abbozzar mill-Kummissjoni (ara l-emenda 50) Direttiva ma tistax tistabbilixxi b'mod dirett obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi. Tista' tistabbilixxi biss obbligi fuq l-Istati Membri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jieħdu ċertu azzjoni.*

### Emenda 61

#### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. Il-manifatturi **għandhom**, fuq talba

##### *Emenda*

9. Il-manifatturi, fuq talba minn awtorità

*motivata* minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bit-tagħrif u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-EEE, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità.

***Għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa mill-EEE li huma jkun qiegħdu fis-suq.***

kompetenti nazzjonali, jipprovduha bit-tagħrif u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-EEE, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-obbligi tal-manifatturi fir-rigward tal-prodotti li mhumiex f'konformità diġà huma regolati f'Direttivi oħra bil-Metodu l-Ġdid li jirregolaw is-sigurtà tal-prodott.*

#### **Emenda 62**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8 - parti introduttorja (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:***  
*(Din l-emenda teħtieġ tibdil  
konsegwenzjali fl-artikolu sħiħ; il-  
paragrafi jsiru punti u l-istruttura  
grammatikali tagħhom trid tiġi adattata kif  
xieraq.)*

#### **Emenda 63**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-manifattur ***jista', permezz ta' mandat bil-miktub***, jaħtar rappreżentant awtorizzat.

L-obbligi stipulati fl-Artikolu 7(1) u ttfassil ta' dokumentazzjoni teknika ma għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

1. Il-manifattur ***għandu l-possibilità li*** jaħtar rappreżentant awtorizzat ***permezz ta' mandat bil-miktub***.

L-obbligi stipulati fl-Artikolu 7(1) u ttfassil ta' dokumentazzjoni teknika ma għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

### *Ġustifikazzjoni*

*Tibdil fil-kliem minħabba l-parti introduttorja ġdida (ara emenda 50).*

#### **Emenda 64**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) iżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza għal perjodu ta' għaxar snin;

###### *Emenda*

(a) iżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza għal perjodu ta' għaxar snin **wara li l-EEE ikun tqiegħed fis-suq;**

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għal ‘magħmula disponibbli fis-suq’ għandha tinbidel ma’ ‘mqiegħda fis-suq. Il-Qafas Leġiżlattiv Ġdid jirreferi dejjem għal “mqiegħda fis-suq” meta jiddefinixxi d-data tal-bidu għall-perjodu ta’ żmien li għalih tinżamm id-Dikjarazzjoni ta’ Konformità. Dan għaliex “tqegħid fis-suq” ifisser “l-ewwel darba li prodott jitqiegħed fis-suq Komuni” (l-Artikolu R1(2) tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE) u li għalhekk hija data unika fissa. F’kuntrast, prodott jista’ jkollu ħafna dati “magħmula disponibbli” u tali referenza se twassal għal inċertezza legali.*

#### **Emenda 65**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 9 - parti introduttorja (ġdida)**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

###### *Emenda*

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:***  
*(Din l-emenda teħtieġ tibdil konsegwenzjali fl-artikolu sħiħ; il-paragrafi jsiru punti u l-istruttura grammatikali tagħhom trid tiġi adattata kif xieraq.)*

#### **Emenda 66**



**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-importaturi **għandhom** jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trejdmark reġistrat tagħhom u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-EEE jew, **fejn dan ma jkunx possibbli**, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-EEE.

*Emenda*

3. **Ħlief fil-każ meta jkunu indikati l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat**, l-importaturi jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trejdmark reġistrat tagħhom u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-EEE jew fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-EEE. **F'każ li leġiżlazzjoni applikabbli speċifika diġà tistipula tali rekwiżiti, minflok għandhom japplikaw ir-rekwiżiti f'dik il-leġiżlazzjoni.**

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux meħtieġ li jissewma l-importatur flimkien mar-rappreżentant awtorizzat għax dan jgħid li jkunet amministrattiv mhux neċessarju. Speċjalment dan huwa l-każ meta mudell jiġi impurtat minn diversi partijiet. Kieku dan jevita piż amministrattiv mhux neċessarju għall-industrija u konfużjoni għall-konsumaturi.*

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Meta jitqies xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati mill-EEE, l-importaturi **għandhom, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, iwettqu** ttestjar permezz ta' kampjuni tal-EEE kummerċjalizzat, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu regjistru ta' lmenti, tal-EEE li ma jkunx konformi u tal-EEE li nġabar lura, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.

*Emenda*

5. Meta jitqies xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati mill-EEE **għas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent jew l-irkupru u r-rimi li jkun tajjeb għall-ambjent**, l-importaturi **jwettqu** ttestjar permezz ta' kampjuni tal-EEE kummerċjalizzat, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu regjistru ta' lmenti, tal-EEE li ma jkunx konformi u ta' prodotti li nġabru lura, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.

*Ġustifikazzjoni*

*L-RoHS ġie adottat biex jindirizza r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, b'mod partikolari matul it-tmiem tal-ħajja, minħabba l-użu ta' ċertu sustanzi jew materjali ta' ħsara*

*fl-EEE. Dan għandu jġi rifless fit-tqegħid tal-kliem ta' dan l-artikolu.*

## **Emenda 68**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-importaturi **għandhom**, għal perjodu ta' għaxar snin, **iżommu** kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet jekk jitolbuha.

*Emenda*

7. L-importaturi **jżommu**, għal perjodu ta' għaxar snin **wara li l-EEE jkun tqiegħed fis-suq**, kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet jekk jitolbuha.

*(Li tibdel l-emenda 59)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-perjodu ta' għaxar snin jeħtieġ punt tat-tluq ċar.*

## **Emenda 69**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 10 - parti introduttorja (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:**  
*(Din l-emenda teħtieġ tibdil  
konsegwenzjali fl-artikolu sħiħ; il-  
paragrafi jsiru punti u l-istruttura  
grammatikali tagħhom trid tiġi adattata kif  
xieraq.)*

## **Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta jagħmlu l-EEE disponibbli fis-suq, id-distributuri **għandhom** jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli.

*Emenda*

1. Meta jagħmlu l-EEE disponibbli fis-suq, id-distributuri jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli, **b'mod partikolari li l-EEE jkollu fuqu l-marka CE, li jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa f'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti aħħarin oħra fl-Istati Membri fejn l-EEE għandu jsir disponibbli fis-suq, u li l-manifattur u l-importatur jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7(6) u 7(7) u l-Artikolu 9(3).**

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa xieraq li jiġu enfasizzati dispożizzjonijiet speċifiċi fil-kuntest tal-obbligu ta' attenzjoni mistħoqqa lid-distributuri.*

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 - paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**2. Qabel ma jagħmlu l-EEE disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-EEE jkollu l-marka CE, li jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u mill-utenti finali l-oħra fl-IStat Membru fejn l-EEE ikun se jsir disponibbli fis-suq, u li l-manifattur u l-importatur ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(5) u (6) u fl-Artikolu 9(3).**

*Emenda*

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni tfisser li kull distributtur ikollu jiftaħ il-pakkett oriġinali ta' kull EEE qabel ma jagħmlu disponibbli fis-suq. Dan imur wisq lil hinn. Minflok, jiġi propost biex jiġu enfasizzati dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest tal-obbligu tal-'attenzjoni mistħoqqa' fl-Artikolu*

10(1). Dan jiżgura li d-distributuri huma responsabbli biex jiżguraw li jagħmlou disponibbli biss prodotti li huma konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet, mingħajr ma jkunu obbligati li joħorġu mill-pakkett kull oġġett singolu.

## Emenda 72

### Proposta għal direttiva Artikolu 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

Importatur jew distributur **għandu** jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' din id-Direttiva u **għandu** jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur taħt l-Artikolu 7, meta jqiegħed l-EEE fis-suq f'ismu jew taħt it-trejdmark tiegħu jew jimmodifika EEE li diġà jkun tqiegħed fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.

*Emenda*

**L-Istati Membri għandhom jiżguraw li** importatur jew distributur jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' din id-Direttiva u **li** jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur taħt l-Artikolu 7, meta jqiegħed l-EEE fis-suq f'ismu jew taħt it-trejdmark tiegħu jew jimmodifika EEE li diġà jkun tqiegħed fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din hija korrezzjoni ta' żball tal-abbozzar fil-proposta tal-Kummissjoni (ara emenda 50). Direttiva ma tistax tistabbilixxi b'mod dirett obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi. Tista' tistabbilixxi biss obbligi fuq l-Istati Membri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jieħdu ċertu azzjoni.*

## Emenda 73

### Proposta għal direttiva Artikolu 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-operaturi ekonomiċi **għandhom**, jekk mitluba, jgħarrfu għal għaxar snin, lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan li ġej:

*Emenda*

**L-Istati Membri għandhom jiżguraw li** l-operaturi ekonomiċi, meta jintalbu, jgħarrfu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan li ġej, għal perjodu ta' għaxar snin:

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din hija korrezzjoni ta' żball tal-abbozzar fil-proposta tal-Kummissjoni (ara emenda 50). Direttiva ma tistax tistabbilixxi b'mod dirett obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi. Tista' tistabbilixxi biss obbligi fuq l-Istati Membri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jieħdu ċertu azzjoni.*

## Emenda 74

### Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għandha tiddikjara li ntwera li r-rekwiżiti speċifikati **fl-Artikolu 4** ġew issodisfati.

*Emenda*

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għandha tiddikjara li ntwera li r-rekwiżiti speċifikati **f'din id-Direttiva** ġew issodisfati.

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konformità għandha tiġi ddikjarata mad-Direttiva sħiħa.*

## Emenda 75

### Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għandu jkollha l-istruttura li sservi ta' mudell u għandha tinkludi l-elementi speċifikati fl-Anness VII u għandha tiġi aġġornata.

*Emenda*

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għandu jkollha l-istruttura li sservi ta' mudell u għandha tinkludi l-elementi speċifikati fl-Anness VII u għandha tiġi aġġornata, **sakemm ma tkunx tapplika leġiżlazzjoni speċifika li teħtieġ dikjarazzjoni ta' konformità li fiha jkun hemm tal-anqas l-elementi speċifikati fl-Anness VII. Din għandha tinqaleb fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru li fih il-prodott jitpoġġa fis-suq jew qed isir disponibbli fis-suq minn manifattur, importatur jew distributtur.**

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-każ li diġà tapplika leġiżlazzjoni komparabbli (eż. għal apparat mediku), u fil-każ li fiha mill-inqas l-elementi speċifikati fl-Anness VII, għandu jkun aċċettabbli li tiġi prevista dik id-dikjarazzjoni ta' konformità sabiex tiġi evitata burokrazija doppja. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għandha tkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali rispettivi ta' kull Stat Membru li fih l-EEE jitqiegħed fis-suq jew isir disponibbli fis-suq.*

## **Emenda 76**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3. Taħt il-marka CE għandu jkun hemm in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat, fejn dak il-korp ikun involut fil-fażi ta' kontroll tal-produzzjoni. In-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat għandu jitwaħħal mill-korp innifsu jew, fuq iSTRUZZJONIJET tiegħu, mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.**

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija korrezzjoni ta' żball fil-proposta tal-Kummissjoni. M'hemm l-ebda korp notifikat għall-RoHS.*

## **Emenda 77**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**L-Istati Membri għandhom jippreżumu li t-tagħmir elettriku u elettroniku bil-marka CE huwa konformi ma' din id-Direttiva.**

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba li l-valuri massimi ta' konċentrazzjoni speċifikati (jiġifieri limiti %) għar-RoHS japplikaw fil-livell tal-"materjal omoġeni", l-ittestjar għall-konformità għandu jsir f'dal-livell ukoll. Fil-livell tal-prodott lest, huwa possibbli li jiġi ttestjat prodott lest, iżda mhux possibbli li l-prodott lest jtkisser f'eluf ta' materjali omoġeni u kull wieħed minnhom jiġi ttestjat individwalment. Skont ir-RoHS attwali, mhux prattiku għall-manifatturi tal-prodotti lesti biex jagħmlu l-ittestjar tagħhom stess. Għaldaqstant, il-manifatturi jikkontrollaw il-katina tal-provvista tagħhom u jużaw id-dokumentazzjoni biex juru l-konformità.*

## **Emenda 78**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 16 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*It-tagħmir* elettriku u elettroniku *li fuqhom twettqu t-testijiet u l-kejl* skont l-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu preżunti li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha rilevanti ta' din id-Direttiva li magħha huma marbuta t-tali standards.

*Emenda*

*Materjali, komponenti, jew parts ta' tagħmir* elettriku u elettroniku *li għaddew mit-testijiet jew il-kejl, jew li ġew evalwati*, skont l-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu preżunti li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha rilevanti ta' din id-Direttiva li magħha huma marbuta t-tali standards.

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prodotti lesti ma jistgħux jiġu “ttestjati” biex jagħtu prova ta' konformità ma' din id-Direttiva, jistgħu jiġu “evalwati” biss skont standards ta' konformità speċifiċi.*

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 16 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 16a**

**Oġġezzjoni formali għal standard armonizzat**

***L-Artikolu R9 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE dwar qafas komuni għat-tqegħid tal-prodotti fis-suq għandu japplika.***

*Ġustifikazzjoni*

*It should be possible for a Member State or the Commission to formally object to a harmonized standard. Amendment 66 was an exact copy of Article R9 from the new legislative framework (NLF), which contains comitology provisions. Due to the new Treaty, the comitology procedures no longer apply for new legislative acts. However, the recast of RoHS cannot align acts other than RoHS to the provisions of the new Treaty. To introduce the possibility for a formal objection to a harmonised standard without prejudice to a future alignment of NLF, there should only be a reference to the relevant article.*

## **Emenda 80**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Kumitat**

#### **Eżerċizzju tad-delega**

**1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart 2006/12/KE tal-5 ta' April 2006.**

**1. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 5 u 6 għandhom jiġu mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien mhux determinat.**

**2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.**

**2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

**3. Is-setgħat biex jiġu adottati atti delegati jingħataw lill-Kummissjoni suġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 18a u 18b.**

*(Marbut mas-sostituzzjoni tal-“proċedura regolatorja bi skrutinju” ta’ qabel mal-proċedura l-ġdida ta’ atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.)*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Fil-kuntest ta’ din id-direttiva, jidher xieraq li jingħataw is-setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati għal perjodu ta’ żmien mhux determinat.*

## **Emenda 81**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18 - paragrafu 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, f'it-tmexxija tal-attivitajiet tagħha, jkun hemm parteċipazzjoni bilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet kollha interessati kkonċernati, bħall-industrija, inklużi l-SMEs u l-**



*industrija tas-snajja', il-gruppi tal-protezzjoni ambjentali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi. Dawk il-partijiet għandhom jiltaqgħu f'forum konsultattiv. Ir-regoli tal-proċedura tal-forum għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Biex jitnaqqsu l-inċertezza legali u r-riskji ekonomiċi, il-mekkaniżmu tal-eżenzjonijiet għandu jsir jaħdem iktar u jsir aktar ċar u trasparenti. Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati għandha tiġi mtejba fl-istabbiliment ta' regoli tal-proċeduri aktar ċari. Għaldaqstant, għandu jinħoloq Forum Konsultattiv simili għad-Direttiva 2009/125KE dwar id-Disinn Eko biex jiżgura mekkaniżmu konsultattiv tal-partijiet interessati kontinwu u strutturat fil-proċess ta' implimentazzjoni tad-direttiva.*

## **Emenda 82**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 18a*

##### *Revoka tad-delega*

- 1. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 18 tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill*
- 2. L-istituzzjoni li bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega tas-setgħa għandha timpenja ruħha biex tinforma l-istituzzjoni l-oħra u l-Kummissjoni fi żmien raġjonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, waqt li tindika liema setgħat delegati li jistgħu jkunu soġġetti għal revoka u raġunijiet possibbli għal revoka.*
- 3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew aktar tard kif speċifikat fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal*

## *Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*(Marbut mas-sostituzzjoni tal- "proċedura regolatorja bi skrutinju" ta' qabel mal-proċedura l-ġdida ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.)*

### *Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiġi inkluża l-possibilità li tiġi revokata d-delega tas-setgħat.*

## **Emenda 83**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18 b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### *Article 18b*

#### *Oġġezzjonijiet għal atti delegati*

*1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn.*

*2. Jekk, meta jiskadi dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, huwa għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih.*

*L-atti delegati jistgħu jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħlu fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmwaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.*

*3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat, huwa ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istitutuzzjoni li toġġezzjona għandha tagħti r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att delegat.*

*(Marbut mas-sostituzzjoni tal- "proċedura regolatorja bi skrutinju" ta' qabel mal-proċedura l-ġdida ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni*

*Ewropea.)*

*Ġustifikazzjoni*

*Proċedura ta' xahrejn u xahrejn għandha tiġi inkluża għal oġġezzjonijiet kontra l-atti delegati. Dan jippermetti dħul fis-seħħ relattivament malajr f'każijiet mhux kontroversjali, filwaqt li jiggarrantixxi biżżejjed ħin fil-każ ta' każijiet kontroversjali.*

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 20 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard minn [18-il xahar wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn [...].

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard minn [18-il xahar wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn [...\*].  
**\* Daħħal id-data: 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni ma speċifikatx meta d-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw, għax riedet iżżomm dan il-punt miftuħ għal-leġiżlatur. Fl-opinjoni tagħha, m'hemmx bżonn tressaq l-applikazzjoni tal-miżuri wara d-data ta' traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali. Għalhekk huwa propost li l-Istati Membri għandhom jibdew japplikaw id-dispożizzjonijiet 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva.*

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva  
Anness I**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kategoriji ta' tagħmir elettriku u elettroniku koperti b'din id-Direttiva

1. Tagħmir kbir ***li jintuża fid-djar***
2. Tagħmir żgħir ***li jintuża fid-djar***
3. Tagħmir tal-IT u t-telekomunikazzjoni
4. Tagħmir tal-konsumaturi
5. Tagħmir tad-dawl
6. Għodda elettriċi u elettroniċi (***bl-eċċezzjoni ta' għodda industrijali fissa li tintuża fuq skala kbira***)
7. Ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u tal-isport
8. Apparat mediku.
9. Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll inklużi strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali
10. Apparat ta' distribuzzjoni awtomatiku

*Emenda*

Kategoriji ta' tagħmir elettriku u elettroniku koperti b'din id-Direttiva

1. Tagħmir kbir
2. Tagħmir żgħir
3. Tagħmir tal-IT u t-telekomunikazzjoni
4. Tagħmir tal-konsumaturi
5. Tagħmir tad-dawl
6. Għodda elettriċi u elettroniċi
7. Ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u tal-isport
8. Apparat mediku.
9. Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll inklużi strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali
10. Apparat ta' distribuzzjoni awtomatiku
- 11. Tagħmir elettriku u elettroniku ieħor mhux kopert mill-kategoriji t'hawn fuq***

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "li jintuża fid-djar" wassal għall-konfużjoni u għalhekk għandu jitħassar. Huwa diffiċli li wieħed jara għaliex għodod industrijali fuq skala kbira għandhom ikunu esklużi mill-ambitu, meta wieħed iqis li l-immonitorjar u l-istrumenti ta' kontroll inklużi dawk industrijali huma inklużi. Fid-dawl tal-ambitu differenti tar-restrizzjonijiet u ż-żmien korrispondenti applikabbli għal kategoriji differenti tal-EEE, għandha tinżamm lista ta' kategoriji tal-EEE, imma kompluta minn kategorija li tinkludi l-EEE kollu li mhuwiex kopert mill-għaxar kategoriji attwali. Dan għandu jiżgura ambitu miġtuħ mingħajr ma tintilef il-possibilità li tinħoloq differenza bejn il-kategoriji differenti.*

## Emenda 86

### Proposta għal direttiva Anness II

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### ***L-Anness imħassar***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-RoHS għandu japplika għall-EEE kollu, mhux biss għal ċertu kategoriji. oHS għandu japplika għall-EEE kollu, mhux biss għal ċertu kategoriji. Anness II mhuwiex ċar: intenzjonat li jkun "lista li torbot ta' prodotti", imma safrattant il-lista mhijiex waħda li ma tispiċċa qatt, iżda tagħti biss ċertu eżempju: "it-tagħmir, inkluż". Dan ma jsolvix il-problema ta' interpretazzjonijiet differenti ta' dawn il-kategoriji. Anness II għandu jitħassar u minflok għandha tapplika d-definizzjoni ġenerali tal-EEE.*

## Emenda 87

### Proposta għal direttiva Anness III

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Sustanzi msemmija ***fl-Artikolu 4(7)***

1. Eżabromoċiklododekan (HBCDD)
2. Bis (2-etileżil) ftalat (DEHP)
3. Ftalat tal-benżil butil (BBP)
4. Dibutilftalat (DBP)

Sustanzi msemmija ***fl-Artikolu 6a***

1. Eżabromoċiklododekan (HBCDD) ***u d-diaistereoisomers identifikati ewlenin kollha;***
2. Bis (2-etileżil) ftalat (DEHP)
3. Ftalat tal-benżil butil (BBP)
4. Dibutilftalat (DBP)
5. ***Komposti arseniċi***
6. ***Berillju u l-komposti tiegħu***
7. ***Trijossidu tal-antimonju***
8. ***Trijossidu tad-dinikel***
9. ***Bisphenol A***
10. ***Organobromini***
11. ***Organoklorini***
12. ***Polivinilklorur (PVC)***
13. ***Dinitrotoluene***
14. ***Diaminodifenilmetan (MDA)***
15. ***5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene***

*(musk xylene)*

**16. Alkani, kloro (paraffini klorinati short-chain)**

**17. Fibri taċ-ċeramika refrattivi aluminosilikati**

**18. Antraċene**

**19. Żejt tal-antraċene**

**20. Żejt tal-antraċene, pasta tal-antraċene**

**21. Żejt tal-antraċene, pasta tal-antraċene, frazzjoni tal-antraċene**

**22. Żejt tal-antraċene, pasta tal-antraċene, frazzjoni ħafifa tad-distillazzjoni**

**23. Żejt tal-antraċene, antraċene baxx**

**24. Bis(tributiltin)ossidu (TBTO)**

**25. Dikloridu tal-kobalt**

**26. Pentaossidu dijarseniku**

**27. Triossidu dijarseniku**

**28. Ftalat tad-diżobutil**

**29. Kromat taċ-ċomb**

**30. Kromat molibdat sulfat aħmar taċ-ċomb**

**31. Biarsenat taċ-ċomb**

**32. Sulfokromat isfar taċ-ċomb**

**33. Żift, qatran tal-faħam, temperatura għolja**

**34. Dikromat tas-sodju**

**35. Arsenat tat-trietil**

**36. Tris(2-kloroetil)fosfat**

**37. Fibri taċ-ċeramika refrattivi aluminosilikati taż-żirkonju**

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva  
Anness IV**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sustanzi pprojbiti msemija fl-Artikolu 4(7) u valuri ta' konċentrazzjoni massima ttoolerati skont il-piż f'materjali omoġenji

Ċomb (0.1 %)

Merkurju (0.1 %)

Kadmju (0.01%)

Kromju eżavalenti (0.1 %)

Bifenili polibrominati (PBB) (0.1 %)

Eteri difenili polibrominati  
(Polybrominated diphenyl ethers, PBDE)  
(0.1%)

*Emenda*

Sustanzi pprojbiti msemija fl-Artikolu 4(7) u valuri ta' konċentrazzjoni massima ttoolerati skont il-piż f'materjali omoġenji

Ċomb (0.1 %)

Merkurju (0.1 %)

Kadmju (0.01%)

Kromju eżavalenti (0.1 %)

Bifenili polibrominati (PBB) (0.1 %)

Eteri difenili polibrominati  
(Polybrominated diphenyl ethers, PBDE)  
(0.1%)

***Nanofidda (limitu ta' detezzjoni)***

***Nanotubi tal-karbonju b'diversi ħitan  
twal (limitu ta' detezzjoni)***

*Ġustifikazzjoni*

*In-nanofidda diġà qed jiġi użat bħala antimikrobiku fl-EEE, pereżempju bħala kisi għall-mowbajls, jew rilaxxat ukoll mill-magni tal-ħsil. Minbarra li tali użi huma żejda, jipperikolaw is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. In-nanotubi tal-karbonju jistgħu jintużaw fl-EEE, madankollu ntwera li jista' jkollhom proprjetajiet bħall-absestos. L-awtoritajiet rrispettati bħall-Kummissjoni Irjali tar-RU dwar it-Tniġġis Ambjentali, l-Eżekuttiv tas-Saħħa u s-Sigurtà tar-RU jew l-Aġenzija Ambjentali Ġermaniża qajjmu tħassib dwar dawn in-nanomaterjali jew rakkomandati wkoll kontra l-użu tagħhom.*

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva  
Anness V – titolu u parti introdutturja (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Applikazzjonijiet eżentati mill-projbizzjoni  
fl-Artikolu 4(1)***

*Emenda*

***Applikazzjonijiet eżentati mill-projbizzjoni  
fl-Artikolu 4(1) fir-rigward tal-kategoriji  
1, 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 10***

***Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor,  
l-eżenzjonijiet għall-applikazzjonijiet***

*f'dan l-Anness għandhom jiskadu fil-  
[... \*].*

*\* Daħħal id-data: 48 xahar wara d-dħul  
fis-seħħ.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tal-intenzjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri li l-Anness V mhux validu għall-kategoriji 8 u 9. Dan għandu jinqara flimkien mal-kompromess 2a punt 4a, li joħloq mekkaniżmu ta' reviżjoni tal-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet f'dan l-Anness għall-kategoriji 8 u 9, bl-applikazzjoni awtomatika tal-eżenzjonijiet f'dan l-anness għall-kategoriji 8 u 9 f'każ li ma tittieħed l-ebda deċiżjoni fi żmien 18-il xahar.*

#### **Emenda 90**

##### **Proposta għal direttiva Anness VI - sottotitolu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Tagħmir li juża jew li jindividwa  
radjazzjoni jonizzanti***

***imħassar***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Fl-istudju tagħha mitlub mill-Kummissjoni (2006-0383), l-ERA kkonkludiet li l-inklużjoni tat-tagħmir mediku fl-ambitu huwa possibbli, iżda l-manifatturi jeħtieġu ċerti eżenzjonijiet. L-ERA tirrakkomanda wkoll li eżenzjoni temporanja għaċ-ċomb fl-istann għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid aktar qrib fiż-żmien meta d-Direttiva RoHS tiġi emendata. Fil-kors ta' Rapport ERA ġdid (2009-0394) il-manifatturi ta' xi apparati mediċi kumplessi skoprew li dawn għadhom ma jistgħux jiżguraw affidabilità għal żmien twil mingajr ċomb. Dan għandu jiġi kkunsidrat fir-riformulazzjoni.*

#### **Emenda 91**

##### **Proposta għal direttiva Anness VI – parti introduttorja (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, l-  
applikazzjonijiet f'dan l-Anness  
għandhom jiskadu tmien snin wara d-dati  
msemija fl-Artikolu 4(3).***



## Emenda 92

### Proposta għal direttiva Anness VI - punt 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5 Iċ-ċomb f'ilqugħ ta' protezzjoni *mir-  
radjazzjoni* jonizzanti

*Emenda*

5 Iċ-ċomb f'ilqugħ ta' protezzjoni, *il-  
kollimaturi u t-tagħmir u l-grilji ta'  
kontroll kontra t-tifrix tar-radjazzjoni*  
jonizzanti

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għal Anness VI – parti introduttorja.*

## Emenda 93

### Proposta għal direttiva Anness VI - punt 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6 Iċ-ċomb f'oġġetti tal-ittejtjar bir-raġġi X

*Emenda*

6 Iċ-ċomb f'oġġetti tal-ittejtjar *tar-  
radjazzjoni jonizzanti u indikaturi* bir-  
raġġi X

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għal Anness VI – parti introduttorja.*

## Emenda 94

### Proposta għal direttiva Anness VI - punt 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

8 Sors tal-iżotopi tal-kadmju radjuattiv  
għal spettrometri fluworexxenti portabbli  
tar-raġġi. *Sensors, ditekters u elettrodi (kif  
ukoll l-oġġett 1)*

*Emenda*

8 Sors tal-iżotopi tal-kadmju radjuattiv  
għal spettrometri fluworexxenti portabbli  
tar-raġġi

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għal Anness VI – parti introduttorja.*

## **Emenda 95**

### **Proposta għal direttiva Anness VI – sottotitolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Oħrajn***

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għal Anness VI – parti introduttorja.*

## **Emenda 96**

### **Proposta għal direttiva Anness VI - punt 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Iċ-ċomb u l-kadmju flampi tal-  
ispettroskopija ta' assorbiment atomiku

*Ma tikkonċernax il-verżjoni Maltija*

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għal Anness VI – parti introduttorja.*

## **Emenda 97**

### **Proposta għal direttiva Anness VI - punt 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

11 Iċ-ċomb f'liġi bħala supertrażmettituri u  
trażmettituri termali fl-MRI

11 Iċ-ċomb f'liġi bħala supertrażmettituri u  
trażmettituri termali fl-MRI ***u l-MEG***

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għal Anness VI – parti introduttorja.*

## **Emenda 98**

**Proposta għal direttiva  
Anness VI - punt 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

17 Iċ-ċomb fi stannijiet *f' defibrillaturi ta' emerġenza portabbli*

*Emenda*

17 Iċ-ċomb fi stannijiet *fi*

*- defibrillaturi portabbli tal-klassi II,  
- tagħmir li jintlibes mill-pazjenti u  
tagħmir portabbli ultrasoniku u tagħmir  
portabbli tal-monitoraġġ tal-pazjent tal-  
klassi II*

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għal Anness VI – parti introduttorja.*

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva  
Anness VI – punti 20a – 20w (ġodda)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*20a Iċ-ċomb fl-istann u t-terminali ta' komponenti u t-terminali ta' konnessjoni ta' Dijanjosi bl-immaġni bir-Reżonanza Manjetika u Manjetoenċefalografija li jaħdmu f'temperaturi aktar baxxi minn - 50°C.*

*20b Iċ-ċomb f'kisjiet tat-terminazzjonijiet ta' komponenti mhux manjetiċi fl-Imaging bir-Reżonanza Manjetika u Manjetoenċefalografija u fl-istann użat biex jgħaqqad flimkien dawn il-komponenti mhux manjetiċi.*

*20c Iċ-ċomb fl-istannijiet u fil-kisjiet tat-terminazzjonijiet tal-komponenti użati għall-bini ta' skedi ta' ċirkuwiti elettroniki ta' tagħmir mediku li jinkludi BGA, CSP, QFN, u tagħmir simili u tagħmir mediku użat għad-dijanjosi bl-immaġni inklużi CT, PET, SPECT, MEG, MRI u d-dijanjosi molekulari bl-immaġni u għat-tagħmir mediku użat għat-terapija bir-radjuazzjoni u bil-partikoli.*

**20d** *Iċ-ċomb fl-istann użat għall-bini ta' skedi ta' ċirkuwiti elettroniċi użati għall-immuntar ta' array detectors diġitali semikondutturali, pereżempju l-cadmium zinc telluride u d-detectors ta' raġġi X diġitali pin-grid array.*

**20e** *Iċ-ċomb u l-kromju eżavalenti fil-komponenti mfassla b'mod speċifiku għas-setturi industrijali li mhumiex fl-ambitu tad-direttiva RoHS u użati bħala komponenti fit-tagħmir mediku.*

**20f** *Iċ-ċomb bħala lubrikant niexef fil-liġi tar-ramm u tal-aluminju għal postijiet esposti għar-radżazzjoni jonizzanti.*

**20g** *Iċ-ċomb għal siġilli tal-vakum tal-intensifikaturi tal-immaġni.*

**20h** *Il-kromju eżavalenti f'dispensers in-situ alkali.*

**20i** *Il-cadmium f'fosfori tal-output tal-intensifikaturi tal-immaġni.*

**20j** *Aċetat taċ-ċomb għall-użu bħala markatur f'head-frames stereotattici għall-użu fis-CT u fl-MRI.*

**20k** *Il-kromju taċ-ċomb u eżavalenti f'komponent minn tubi ta' raġġi X użati li tqiegħdu fis-suq tal-UE qabel l-1 ta' Jannar 2014 u użati mill-ġdid fit-tubi ta' raġġi X ġodda mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2019.*

**20l** *Il-merkurju f'bozoz dritti fluworexxenti għal għanijiet speċjali.*

**20m** *Iċ-ċomb fil-ħġieġ tat-tubi tar-raġġi katowd (CRT), il-komponenti elettroniċi u t-tubi fluworexxenti.*

**20n** *Iċ-ċomb bħala element ta' liga fl-azzar li jkun fih sa 0.35 % ċomb skont il-piż, fl-aluminju li jkun fih sa 0.4 % ċomb skont il-piż, u bħala liga tar-ram li jkun fih sa 4 % ċomb skont il-piż.*

**20o**

**-** *Ċomb fl-istann tat-tip li jdewweb f'temperaturi għolja (jiġifieri l-liġi b'bażi*

*ta' ċomb li jkun fihom 85% ċomb jew aktar skont il-piż).*

*- Iċ-ċomb fl-istannijiet għal servers, sistemi ta' ħażna ta' memorja u ta' memorja array, tagħmir infrastrutturali tan-netwerks għas-swiċċjar, is-sinjalar, it-trażmissjoni kif ukoll il-ġestjoni tan-netwerks għat-telekomunikazzjoni.*

*- Iċ-ċomb fil-partijiet elettroniki taċ-ċeramika (eż. tagħmir piezoelettroniku).*

*20p Il-kadmju u l-komposti tiegħu f'kuntatti elettroniki u kisi tal-kadmju għajr l-applikazzjonijiet ipprojbti skont id-Direttiva 91/338/KEE li temenda d-Direttiva 76/769/KEE.*

*20q Iċ-ċomb użat fis-sistemi konformi ta' konnetturi bil-pinnijiet.*

*20r Iċ-ċomb u l-kadmju fi ħġieġ ottiku u ħġieġ għall-filtri.*

*20s Iċ-ċomb fi stannijiet li jikkonsistu f'aktar minn żewġ elementi għall-konnessjoni bejn il-pinnijiet u l-pakkett ta' mikroproċessuri b'kontenut ta' ċomb ta' aktar minn 80% u inqas minn 85% skont il-piż.*

*20t Iċ-ċomb fi stannijiet biex titwettaq konnessjoni elettrika vijabbli bejn id-dada tas-semikonduttur u l-carrier f'ċirkwit integrat ta' pakketti Flip Chip.*

*20u Iċ-ċomb f'finituri ta' komponenti "fine pitch" li ma jkunux konnetturi b'pitch ta' 0.65 mm jew inqas b'oqsfa taċ-ċomb NiFe u ċomb f'finituri ta' komponenti fine pitch li ma jkunux konnetturi b'pitch ta' 0.65 mm jew inqas b'oqsfa tar-ram u ċ-ċomb.*

*20v Iċ-ċomb fl-istann li jintuża għall-istannjar ma' kapasiters ċeramiċi b'aktar minn saff wieħed b'toqob niffieda metallizzati, kemm ta' forma diskoidali kif ukoll lixxa (machined through hole discoidal multilayer capacitors).*

*20w L-ossidu taċ-ċomb f'seal frit użat fil-*

*produzzjoni ta' twieqi għat-tubi tal-lejżer  
tal-Argon u l-Krypton.*

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għal Anness VI – parti introduttorja.*

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva  
Anness VI a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Anness VIa*

*Applikazzjonijiet eżentati mill-projbizzjoni  
fl-Artikolu 4(1) fir-rigward tal-  
Kategorija 11*

*Sakemm ma jingħadx mod ieħor, l-  
applikazzjonijiet f'dan l-Anness  
għandhom jiskadu erba' snin wara d-data  
msemmija fl-Artikolu 2(1a).*

**Emenda 101**

**Proposta għal direttiva  
Anness VI b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Anness VIb*

*Applikazzjoni għal eżenzjoni mill-Artikolu  
4(1) jew biex tiġġedded tali eżenzjoni*

*L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati  
minn manifattur, rappreżentant  
awtorizzat ta' manifattur, jew kull attur  
fil-katina tal-provvista u għandhom  
jinkludu mill-inqas dan li ġej:*

*(a) l-isem, l-indirizz, u d-dettalji tal-  
kuntatt tal-applikant;*

*(b) l-informazzjoni dwar il-materjal jew il-  
komponent u l-użi speċifiċi tas-sustanza*

*fil-materjal u l-komponent ikkonċernat u l-karatteristiċi partikolari tiegħu;*

*(c) ġustifikazzjoni li tista' tiġi vverifikata u li hija ddokumentata bis-sħiħ fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5;*

*(d) analiżi ta' sustanzi, materjali jew disinni alternattivi eventwali fuq bażi taċ-ċiklu tal-ħajja, inklużi, meta jkunu disponibbli, l-informazzjoni u l-istudji rivisti minn pari dwar riċerka indipendenti, u attivitajiet tal-iżvilupp mill-applikant;*

*(e) analiżi tad-disponibilità tal-alternattivi msemmija fil-punt (d);*

*(f) kalendarju tal-azzjonijiet proposti mill-applikant biex jiżviluppa, biex jitlob biex jiġu żviluppati u/jew biex jiġu applikati alternattivi eventwali msemmija fil-punt (d);*

*(g) fejn ikun il-każ, indikazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi meqjusa bħala proprjetà flimkien ma' ġustifikazzjoni li tista' tiġi vverifikata;*

*(h) proposta għal test preċiż u ċar tal-eżenzjoni;*

*(i) sommarju tal-applikazzjoni.*

## **Emenda 102**

### **Proposta għal direttiva Anness VII - punt 6**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Fejn applikabbli, referenzi għall-istandards rilevanti armonizzati użati, jew referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet li l-konformità hija dikjarata frabta magħhom:

#### *Emenda*

6. Fejn applikabbli, referenzi għall-istandards rilevanti armonizzati użati, jew referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet **tekniċi** li l-konformità hija dikjarata frabta magħhom:

#### *Ġustifikazzjoni*

*Dan huwa allinjament konformi mal-introduzzjoni ta' definizzjoni għal 'speċifikazzjoni*

*teknika'.*

### **Emenda 103**

#### **Proposta għal direttiva Anness VII - punt 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7. Fejn applikabbli, il-korp notifikat ... *imħassar*  
(isem, numru) ... *imwettaq* ...  
(deskrizzjoni tal-intervent) ... *u ħareġ iċ-*  
*ċertifikat: ...***

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija korrezzjoni ta' żball fil-proposta tal-Kummissjoni. M'hemm l-ebda korp notifikat għall-RoHS.*



## NOTA SPJEGATTIVA

*"Ċertu kumpaniji ewlenin ħadmu minn jeddhom biex il-proċess jimxi pass aktar 'il quddiem biex jitneħħew b'mod gradwali s-sustanzi organiċi brominati u klorinati, imma dak mhux biżżejjed biex jissolvew il-problemi fil-katina tal-provvista. Aħna nemmnu li l-leġiżlazzjoni biss tista' timmotiva l-katina sħiħa tal-provvista biex jitneħħew b'mod gradwali s-sustanzi ta' ħsara u biex jinħolqu prodotti HSF [ħielsa mis-sustanzi ta' ħsara]. Biex nobdu l-prinċipju prekawzjonarju u biex nissodisfaw ir-responsabilità korporattiva tagħna, Acer se jappoġġa b'mod proattiv lill-RoHS 2.0 għall-projbizzjoni tal-Kimiki organo- CL/BR kollha."*

Il-Progress tal-Ambjent Acer - Prodotti Ħielsa mill-Aloġenu<sup>1</sup>

### 1. Sfond

Skont il-Kummissjoni, kull sena, fl-UE waħidha, jinbiegħu madwar 9,3 miljun tunnellata ta' tagħmir elettriku u elettroniku (EEE), fejn l-ikbar parti huwa tagħmir kbir tad-djar u apparat tal-IT u t-telekommunikazzjoni. Hekk kif is-suq qed ikompli jikber u ċ-ċikli ta' innovazzjoni saħansitra qegħdin jiqsaru aktar, il-bdil tat-tagħmir qed jaċċelera, **u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) qed isir l-iktar fluss ta' skart li qed jikber b'rata mgħaġġla.** Iż-żieda fil-WEEE huwa smat li jikber għal 12.3 miljun tunnellata sal-2020.

Il-WEEE huwa fluss ta' skart kumpless li jinkludi għadd ta' sustanzi ta' ħsara. Dawn is-sustanzi, jew il-prodotti ta' trasformazzjoni tagħhom, jistgħu jsibu ruħhom fl-ambjent u jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem, speċjalment jekk ma jkunux trattati kif suppost. Ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent jizjed minħabba operazzjonijiet ta' riċiklar/irkupru li ma jkunux ta' standard fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Skont l-Artikolu 174(2) tat-Trattat, **il-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità tisewwa f'ras il-għajn.** Il-ġerarkija tal-iskart fid-direttiva qafas tal-iskart tagħti l-ewwel prijorità lill-prevenzjoni, li hija definita fost l-oħrajn bħala l-użu ta' miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart li jnaqqsu l-ammont ta' sustanzi perikolużi fil-materjali u l-prodotti.

Id-Direttiva attwali tal-RoHS, adottata fl-2003, ibbażata fuq proposta magħmula fl-2000, fittxet li tneħħi b'mod gradwali l-ewwel għadd ta' sustanzi ta' ħsara fl-EEE, speċjalment ċertu metalli tqal u żewġ gruppi ta' ritardanti tal-fjammi tan-nar brominati. Din wasslet għal tnaqqis ta' iżjed minn 100, 000 tunnellata ta' dawn is-sustanzi milli jintremew u potenzjalment jidħlu f'kuntatt mal-ambjent.

L-RoHS kien strument importanti mhux biss biex iwaqqaf standard Ewropew, imma wkoll **standard globali** għall-manifatturi. Dan ma waqqafx l-iżvilupp kontinwu ta' prodotti ġodda

<sup>1</sup> [http://www.acer-group.com/public/Sustainability/sustainability\\_main04-3.htm](http://www.acer-group.com/public/Sustainability/sustainability_main04-3.htm)

Il-Grupp Acer huwa familja ta' erba' marki -- Acer, Gateway, Packard Bell u eMachines. Huwa t-tielet l-ikbar kumpanija fid-dinja għall-ġarr totali tal-PCs, u huwa n-Nru 2 għan-notebooks. Id-dħul fl-2008 laħaq il-US\$16.65 biljun.

imma l-oppost - il-prodotti ġew disinjati mill-ġdid biex ikunu konformi mal-RoHS. U ħafna kumpaniji diġà qed imorru lil hinn minn dak biex jitneħħa b'mod gradwali l-użu tal-komposti aloġenati.

## 2. Kwistjonijiet ewlenin

Ir-riformulazzjoni hija opportunità importanti **biex il-progress jagħmel pass ulterjuri**. Ir-rapporteur tagħkom se jikkonċentra fuq l-ispjegazzjonijiet fir-rigward tar-restrizzjonijiet il-ġodda proposti għax dawn ġew mitluba speċifikament matul id-dibattitu tal-kumitat fl-4 ta' Novembru 2009.

**Il-kwistjonijiet ewlenin l-oħrajn**, bħal ma huma

- ambitu miftuħ (Artikolu 2),
  - id-differenza bejn l-RoHS u r-REACH (Premessa 8 u Artikolu 4(7)),
  - modifiki tal-kriterji għal eżenzjoni (Artikolu 5(1)),
  - kriterji biex jiġi deċiż it-tul ta' żmien ta' perjodi ta' eżenzjoni/perjodi ulterjuri ta' eżenzjoni (Artikolu 5(2)),
  - kodeċizzjoni għal restrizzjonijiet futuri minflok il-komitoloġija (Artikolu 6)
- għandhom ikunu spjegati b'mod suffiċjenti fil-ġustifikazzjonijiet tal-emendi relevanti.

Il-proposti għal dispożizzjonijiet speċifiċi dwar in-nanomaterjali se jiżiedu f'Jannar 2010 wara evalwazzjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni.

## 3. Restrizzjonijiet ġodda

Il-problema ta' sustanzi ta' ħsara fl-EEE, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament tal-iskart, għadha ma ssolvitx bl-RoHS 1.0. Din diġà kienet ċara għall-koleġiżlatur fl-2003. L-Artikolu 6 tal-RoHS tobbliga b'mod espliċitu lill-Kummissjoni li teżamina l-fattibilità li jinbidlu sustanzi u materjali perikolużi oħrajn użati fl-EEE u biex tressaq proposti ħalli, jekk xieraq, l-ambitu tal-Artikolu 4 jiġi estiż.

### a) Evidenza dwar l-impatt negattiv tar-ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati u l-PVC

Il-Kummissjoni studjat sustanzi u materjali perikolużi oħrajn. Hija saqsiet l-Öko-Institut biex janalizza sustanzi li kienu għadhom mhumiex regolati mill-RoHS, biex jagħżel sustanzi kandidati għall-inklużjoni potenzjali fid-Direttiva tal-RoHS, biex jevalwa s-sostituti possibbli, u biex jipproponi għażliet għall-politika għal kull sustanza kandidata<sup>1</sup>. L-Öko-Institut ilu jirrevedi l-eżenzjonijiet mill-Artikolu 4 tal-RoHS għall-Kummissjoni sa mill-2005 - għalhekk jista' jitqies bħala awtorità ta' referenza dwar ir-restrizzjonijiet tal-RoHS.

### Ir-ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati

L-istudju jgħid hekk:

*"il-grupp ta' sustanzi organobromini u organoklorini tqiesu fl-istudju preżenti u t-tneħħija gradwali tagħhom mill-EEE hija rrakkomandata sew mill-awturi".*

Ir-raġunijiet ewlenin huma dawn li ġejjin:

---

<sup>1</sup> [http://ec.europa.eu/environment/waste/weee/pdf/hazardous\\_substances\\_report.pdf](http://ec.europa.eu/environment/waste/weee/pdf/hazardous_substances_report.pdf)

- il-potenzjal li jiġu fformati **d-diossini u l-furani** f'każ ta' nirien mhux ikkontrollati (nirien incidental) u hekk kif ikun hemm kokombustjoni f'temperaturi iktar baxxi jew f'inċineraturi li ma jaħdmux sew,
- il-formazzjoni ta' diossini u furani u prodotti perikolużi ta' kombustjoni oħrajn jistgħu jiġu evitati biss bl-applikazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati ta' rimi.

Madankollu, **it-teknoloġiji avvanzati lanqas biss jeżistu fl-Istati Membri kollha tal-UE, aħseb u ara fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.** U fejn jeżistu, m'hemm l-ebda hteġa biex jintużaw għal dawn il-flussi ta' skart.

Raġunijiet ulterjuri għal tneħħija gradwali jistgħu jinsabu fil-memorandum spjegattiv tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-WEEE u l-RoHS tat-13 ta' Ġunju 2000<sup>1</sup>:

*Is-sustanzi aloġenati li jinsabu fil-WEEE, b'mod partikolari r-ritardanti tal-fjammi tan-nar brominati huma wkoll ta' tħassib matul... ir-riċiklar tal-plastik. Minħabba r-riskju li jiġu ġġenerati d-diossini u l-furani, is-soltu r-riċiklaturi jevitaw milli jirriċiklaw plastik ritardat bil-fjammi tan-nar mill-WEEE. Minħabba n-nuqqas ta' identifikazzjoni proprja ta' plastik li jkollu r-ritardanti tal-fjammi tan-nar u d-diffikultà inerenti biex jintgħażel il-plastik tar-ritardant tal-fjammi tan-nar mill-plastik ordinarju, ħafna mir-riċiklaturi ma jipproċessaw l-ebda plastik mill-WEEE."*

**L-użu ta' ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati huwa impediment għar-riċiklar tal-plastiks fil-WEEE fis-sħuħija tiegħu.**

Il-problemi t'hawn fuq għadhom s'issa ma ġewx solvuti bit-tneħħija gradwali ta' żewġ gruppi biss tar-ritardanti tal-fjammi tan-nar brominati (PBDE u PBB).

## PVC

L-istudju tal-Kummissjoni jagħmel ir-rakkomandazzjoni li ġejja:

*"It-tneħħija gradwali tal-PVC għandu ... jkollha l-prijorità fuq il-miżuri selettivi tal-ġestjoni tar-riskju ħalli jiġi ggarantit rilaxx imnaqqas tal-PVC, tal-addittivi tiegħu u tal-prodotti tal-kombustjoni perikolużi".*

Il-problemi tal-iskart tal-PVC in ġenerali diġà ġew dokumentati sew mill-Kummissjoni Ewropea fl-2000 fuq il-bażi ta' ħames studji. Is-sejbiet issemew b'mod espliċitu fil-Memorandum Spjegattiv tal-proposta mill-2000:

*Kwantitajiet sinifikanti tal-PVC jinsabu fil-WEEE<sup>2</sup>. Hemm evidenza sostanzjali li tappoġġa l-opinjoni li l-PVC mhuwiex tajjeb għall-inċinerazzjoni, b'mod partikolari minħabba l-kwantità u n-natura perikoluża tar-residwi tal-gass taç-*

<sup>1</sup> COM(2000) 347 finali

<sup>2</sup> Skont is-Sur Rohr, Umwelt Wirtschaftsforum, Nru 1, 1992, iżjed minn 20% tal-plastik użat f'taġmir elettriku u elettroniku huwa PVC.

*ċumnija li jirriżultaw mill-inċinerazzjoni.<sup>1</sup> Barra minn hekk, it-telf ta' plastiċizzanti, speċjalment il-ftalati, mill-miżbli tal-PVC huwa informazzjoni magħrufa u jaf ikollu effetti potenzjalment ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent<sup>2</sup>. Għandu wkoll jitqies li vera ftiit mill-iskart tal-PVC, b'mod partikolari fil-WEEE huwa attwalment irriċiklat<sup>3</sup>.*

Sfortunatament, l-evidenza dwar il-PVC ġiet tard wisq għall-inklużjoni fl-RoHS. Imma l-problema għadha hemm - għandha bżonn tiġi ttrattata issa!

## **b) L-azzjoni mill-manifatturi**

L-industrija tal-manifattura tal-elettroniċi diġà kienet fehmet fl-2003 il-problemi tas-sustanzi aloġenati fis-sħuħija tagħhom. Kumpaniji ewlenin ħadu azzjoni individwali biex jikkonvertu l-aloġenu baxx (ħielsa mir-ritardanti tal-fjammi tan-nar u l-PVC)<sup>4</sup>. Issa hemm inizjattiva globali biex isir dan, u hija avvanzata sew<sup>5</sup>. Skont il-Greenpeace, l-ishma fis-suq ta' prodotti bħal dawn diġà huma 50% għall-mowbajls (Nokia, Sony Ericsson u Apple), u mistennija li jkunu 'l fuq minn 40% għall-PCs il-ġodda fis-sena jew sentejn li ġejjin (Acer u HP). Din l-inizjattiva tinkludi wkoll il-katina tal-provvista (eż. manifatturi tal-komponenti tal-plastik), li minn naħa l-oħra taffettwa l-manifatturi tal-EEE ta' kategoriji oħra.

Jekk l-industrija tal-elettroniċi bil-prodotti kumplessa ħafna tagħha tista' taqleb għal aloġenu baxx fis-snin li ġejjin, m'għandhiex tkun problema għal fost l-oħrajn is-settur tal-'white goods' li jagħmel l-istess. Bħala eżempju, fl-Isvezja, l-Electrolux qed toffri tip ta' friġġ ħieles mill-PVC<sup>6</sup>.

Meta azzjoni bħal din tittieħed fl-istadju tal-iddisinnjar, skont l-industrija, din ma toħloqx spejjeż żejda. Minflok, hija għandha tiffranka spejjeż sinifikanti f'termini ta' ħsara għas-saħħa u l-ambjent. Imma biex tkun verament ta' suċċess, l-operaturi ekonomiċi għandhom bżonn iċ-ċertezza li hija provduta l-aħjar minn qafas leġiżlattiv ċar.

## **c) Evidenza dwar sostituti**

### Ir-ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati

Il-Kummissjoni targumenta li d-data disponibbli ma tippermettix li jkun hemm deċiżjoni dwar restrizzjonijiet ulterjuri tar-ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati. Fl-istess ħin, huma jgħidu li "ċertu" informazzjoni hija disponibbli dwar is-sostituti u li "huwa deċiż li ma joħolqux ftiit mill-perikli (bħal persistenza, bioakkumulazzjoni jew tossiċità għar-ritardanti tal-fjammi tan-

<sup>1</sup> Aspetti ambjentali tal-PVC (Kopenhagen 1996), Karta dwar il-Pożizzjoni Daniża dwar l-Aġenzija għall-Protezzjoni Ambjentali tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-PVC (The Hague 1997), Ministeru tad-Djar, Ippjanar Spazjali u l-Ambjent. L-influenza tal-PVC fuq il-kwantità u l-periklu tar-residwi tal-gassijiet taċ-ċumnija mill-inċinerazzjoni, Studju għad-DG ENV, Teknoloġiji Bertin, 2000.

<sup>2</sup> The Behaviour of PVC in Landfill, Study for DG ENV, Argus in association with University Rotstock, 1999.

<sup>3</sup> Prognos, Study for DG XI, Mechanical recycling of PVC wastes, January 2000.

<sup>4</sup> <http://www.greenpeace.org/international/campaigns/toxics/electronics/how-the-companies-line-up>

<sup>5</sup> [http://thor.inemi.org/webdownload/newsroom/Presentations/NEPCON\\_China\\_2009/HFR-Free\\_Conversion.pdf](http://thor.inemi.org/webdownload/newsroom/Presentations/NEPCON_China_2009/HFR-Free_Conversion.pdf)

<sup>6</sup> <http://www.electrolux.se/node38.aspx?productID=18360>

*nar aloġenati)"<sup>1</sup>*

Għal ħafna snin kien hemm kontroversja simili dwar DecaBDE. Wara li ma ġietx ikkunsidrata d-disponibilità ta' sostituti aktar sikuri, il-Kummissjoni kellha tammetti fi studju fl-2007 li **"jeżistu sostituti fis-suq ... u li data dwar dan jissuġġerixxi li l-effetti negattivi potenzjali ambjentali u fuq is-saħħa tal-bniedem ta' għall-inqas ċertu sostituti jaf ikun minimali."**<sup>2</sup>

B'konsegwenza, għad-DecaBDE, il-Kummissjoni tikkunsidra li *"l-inċertezzi li baqa' dwar it-tossiċità u d-degradazzjoni tiegħu għal prodotti pprojbiti oħra, kif ukoll id-disponibilità kummerċjali ta' sostituti jiġġustifikaw iż-żamma tal-projbizzjoni ta' din is-sustanza"*<sup>3</sup>.

**Huwa diffiċli li jinftehem għaliex l-istess analiżi għandha twassal għal projbizzjoni f'każ (DecaBDE), imma mhux f'każ simili ieħor (ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati oħra).**

### PVC

Il-Kummissjoni ma tiddubitax id-disponibilità ta' sostituti aktar sikuri għall-PVC fl-evalwazzjoni tal-impatt tagħha, imma tqajjem biss il-kwistjonijiet ta' spejjeż. Jekk l-ispejjeż esterni tal-PVC kellhom jiġu internalizzati, l-użu tiegħu jagħmlu għali b'mod projbittiv. Il-fatt li l-PVC mhuwiex għali ma jistax jintuża bħala argument kontra l-bidla tiegħu meta dan jidher spejjeż esterni sinifikanti minħabba l-problemi differenti dokumentati sew tat-trattament tal-iskart tal-PVC.

### **3. Konklużjonijiet**

Il-prevenzjoni aħjar mill-kura. Huwa aħjar li jiġu indirizzati l-problemi ambjentali fis-sors - kif fil-fatt huwa meħtieġ bħala prijorità mit-Trattat u implimentat fid-direttiva qafas tal-iskart.

Għalhekk, ir-rapporteur tagħkom jissuġġerixxi, ibbażat fuq

- a) l-istudji tal-Kummissjoni dwar l-RoHS, il-PVC u r-ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati,
  - b) azzjonijiet mill-operaturi ekonomiċi u
  - c) informazzjoni dwar is-sostituti
- li r-ritardanti tal-fjammi tan-nar brominati u klorinati kif ukoll il-PVC u l-addittivi perikolużi tiegħu jitneħħew b'mod gradwali.

---

<sup>1</sup> Evalwazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni tar-riformulazzjoni tal-RoHS, SEC(2008)2930  
<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52008SC2930:EN:NOT>

<sup>2</sup> [http://ecb.jrc.ec.europa.eu/documents/Existing-Chemicals/Review\\_on\\_production\\_process\\_of\\_decaBDE.pdf](http://ecb.jrc.ec.europa.eu/documents/Existing-Chemicals/Review_on_production_process_of_decaBDE.pdf)

<sup>3</sup> Evalwazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni tar-riformulazzjoni tal-RoHS, SEC(2008)2930

## ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI

KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI  
PRESIDENT

Ref.: D(2009)61414

Is-Sur Jo LEINEN  
President tal-Kumitat għall-Ambjent,  
Is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel  
ASP 12G205  
Brussell

*Suġġett : Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (riformulazzjoni) (COM(2008)809 - C7-0471/2008 - 2008/0240(COD)*

Għażiż President,

Il-Kumitat għall-Affarijjet Legali, li tiegħu għandi l-unur inkun il-President, eżamina l-proposta msemmija hawn fuq, skont l-Artikolu 87 dwar it-Tfassil mill-ġdid, kif jidher fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

Il-Paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu jstipula li:

*"Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijjet legali jqis li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostanzjali ħlief għal dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli b'dan.*

*F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 156 u 157, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli mill-kumitat responsabbli mis-suġġett jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdiliet sostanzjali.*

*Madankollu, jekk f'konformità mal-punt 8 tal-Ftehma Interistituzzjonali l-kumitat responsabbli jkollu l-ħsieb ukoll li jippreżenta emendi għall-partijiet kodifikati tal-proposta, huwa għandu jinnotifika minnufih il-ħsieb tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u din tal-aħħar għandha tinforma lill-kumitat, qabel il-vot skont l-Artikolu 54, bil-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-emendi kif ukoll dwar jekk għandhiex il-ħsieb li tirtira l-proposta ta' tfassil mill-ġdid."*

Wara li kiseb l-opinjoni tas-Servizz Legali, li rappreżentanti tiegħu ħadu sehem fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv li eżamina l-proposta tat-tfassil mill-ġdid, u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapportuer għall-opinjoni, il-Kumitat għall-Affarijjet Legali jqis li l-

proposta kkonċernata ma fiha l-ebda bidla sostanzjali għajr dawk identifikati bħala tali fil-proposta jew fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv u li, rigward il-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti b'dawk it-tibdiliet, il-proposta fiha kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr bidliet sostanzjali fihom.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 87, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali qies li l-adattamenti tekniċi ssuġġeriti fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv msemmi kienu neċessarji biex jiżguraw li l-proposta tikkonforma mar-regoli dwar it-tfassil mill-ġdid.

Biex nikkonkludu, wara diskussjoni fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Novembru 2009, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, b'19-il vot favur u ebda astensjoni<sup>1</sup>, jirrakkomanda li l-Kumitat tiegħek, bħala l-kumitat responsabbli, jipproċedi biex jeżamina l-proposta msemmija hawn fuq f'konformità mas-suġġerimenti tiegħu u skont l-Artikolu 87.

Dejjem tiegħek,

Klaus-Heiner LEHNE

*Mehmuż: Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv.*

---

<sup>1</sup> Klaus-Heiner Lehne (President), Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Antonio López-Istúriz White, Tadeusz Zwiefka, Luigi Berlinguer, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Alexandra Thein, Diana Wallis, Cecilia Wikström, Jiří Maštálka, Francesco Enrico Speroni, Kurt Lechner, Sergio Gaetano Cofferati, Edit Herczog, Edvard Kožušník, Sajjad Karim.



# **ANNES: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI**



GRUPP KONSULTATTIV  
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussel, 26.03.2009

## **OPINJONI**

### **GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW TAL-KUNSILL TAL-KUMMISSJONI**

#### **Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku COM(2008) 809 final of 3.12.2008 - 2008/0240 (COD)**

Wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu iżjed strutturat tat-teknika għal tfassil mill-ġdid għal atti legali, u b' mod partikulari il-punt 9 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, li jikkonsisti fis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, iltaqa' fis-16 ta' Diċembru 2008 għall-iskop li janalizza, fost oħrajn, il-proposta msemmija qabel li tressqet mill-Kummissjoni.

Waqt il-laqgħa<sup>1</sup>, l-evalwazzjoni tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tfassal mill-ġdid id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi f'tagħmir tal-elettriku u elettroniku, wasslet biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv stabbilixxa, bi ftehim reċiproku, dan li ġej.

1) Fir-rigward tal-memorandum spjegattiv, sabiex ikun hemm abbozz li jkun kompletament konformi mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti mill-Ftehma Interistituzzjonali, dan id-dokument kellu jistqarr ir-raġunijiet għal kull emenda sostantiva proposta u kellu jispeċifika liema dispożizzjonijiet ta' att preċedenti ma jkunux inbidlu fil-proposta, kif previst fil-punt 6(a)(iii) ta' dik il-ftehma.

---

<sup>1</sup> Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-verżjonijiet bil-lingwa Ingliża, Franċiża u Ġermaniża tal-proposta u ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża, li kienet il-verżjoni tal-lingwa ewlenija tat-test li kien qed jiġi diskuss.

2) Fil-premessa 2, it-test inizjali tat-tieni sentenza ("*Jidher għalhekk meħtieġ li l-liġijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam jitqarrbu [...]*") għandu jinbidel b'test adattat li għandu jinqara kif ġej: "*Jidher għalhekk meħtieġ li jiġu stipulati regoli f'dan il-qasam [...]*".

3) Il-partijiet li ġejjin tat-test tar-riformulazzjoni tal-proposta kellhom jiġu identifikati billi tintuża tipa ta' kulur griż li ġeneralment tintuża sabiex jimmarka bidliet sostanzjali:

- fi premessa 13, il-kelma "*l-uman*" ((li kienet immarkata b'ingassatura doppja) u l-kelma "*is-saħħa*";
- fl-Artikolu 19, l-ewwel sentenza, il-kliem finali "*u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn ikunu implimentati*";
- il-kliem kollu tat-tielet sentenza tal-Artikolu 19.

4) Il-partijiet li ġejjin tat-test imfassal mill-ġdid jikkorrispondu mal-partijiet tat-test li hemm applikabbli bħalissa tad-Direttiva 2002/95/KE li fir-rigward tiegħu ma jidhirx li qed tiġi proposta xi bidla, u li għalhekk ma kellhomx jiġu mmarkati b'tipa ta' kulur griż:

- fl-Artikolu 2(2), il-kliem "*rekwiżiti ta'*";
- fl-Artikolu 3(a), il-kliem "*minn hawn 'l quddiem*";
- fl-Artikolu 4(1), it-tfassir propost tal-kliem "*mill-1 ta' Lulju 2006*" u l-bdil propost tal-kelma "*mpoġġi*" bil-kelma "*mqiegħed*".

5) fl-Artikolu 5(b), it-tielet inċiż, il-punteġġjatura għandha tiġi kompluta fir-rigward tal-kliem inizjali "*l-impatti negattivi ambjentali għas-saħħa jew is-sikurezza tal-konsumatur jew impatti soċjoekonomiċi*".

6) Fl-Anness VIII, Parti A, il-kliem "*imsemmija fl-Artikolu 12*" għandhom jiġu adattati biex jinqraw "*imsemmija fl-Artikolu 12*", u l-indikazzjoni "*p. 219*" li tidher b'konnessjoni mal-pubblikazzjoni tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2005/717/KE fil-Ġurnal Uffiċjali għandhom jiġu kkoreġuti biex jiġu jinqraw "*p. 48*".

7) Fl-Anness VII, Parti B, il-kliem "*imsemmija fl-Artikolu 13*" għandu jkun adattat biex jiġi jinqara "*msemmija fl-Artikolu 21*".

B'konsegwenza ta' dan, l-eżami tal-proposta ppermetta lill-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv li jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta ma fiha l-ebda emenda sostanzjali minbarra daww identifikati bħala tali fiha jew f'din l-opinjoni. Il-Grupp ta' Ħidma kkonkluda wkoll, fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-att iżjed bikri b'daww l-emendi sostantivi, li l-proposta għandha fiha kodifikazzjoni ċara tat-test eżistenti, mingħajr xi tibdil fis-sustanza tiegħu.

C. PENNERA  
Jurisconsult

J.-C. PIRIS  
Jurisconsult

C.-F.DURAND  
Director General

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Restriction of the use of certain hazardous substances in electrical and electronic equipment (recast version)		
<b>Referenzi</b>	COM(2008)0809 – C6-0471/2008 – 2008/0240(COD)		
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	3.12.2008		
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 19.10.2009		
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 19.10.2009		
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Jill Evans 31.8.2009		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	4.11.2009	1.12.2009	6.4.2010
<b>Data tal-adozzjoni</b>	2.6.2010		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	53 0 1	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	János Áder, Elena Oana Antonescu, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Martin Callanan, Nessa Childers, Chris Davies, Bairbre de Brún, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Julie Girling, Françoise Grossetête, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Kläß, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Oreste Rossi, Daciana Octavia Sârbu, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Catherine Soullie, Salvatore Tatarella, Anja Weisgerber, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	José Manuel Fernandes, Judith A. Merkies, Rovana Plumb, Bart Staes, Thomas Ulmer, Kathleen Van Brempt		
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Willy Meyer		